**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Illum, 17 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Ġuramentat Nru: 302/12 AL**

**Fl-ismijiet:**

**A B**

**Vs**

**C D**

**Il-Qorti**

Rat ir-Rikors Ġuramentat[1] ta' A B detentur tal-karta tal-identita` numru 458091 (M) li permezz tiegħu ppremetta:

1. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani datat 14 ta' Jannar 2008 (Dok JC1[2]);*

[1] Fol 1 sa 3

[2] Liema kuntratt jinsab esebit a fol 5 tal-proċess

2. *Illi l-partijiet fiż-żwieġ kellhom wild wieħed, ossia Eric B, li għadu minuri u li jgħix mal-intimata;*
3. *Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni l-esponenti kellu ċerta ġranet u ħinijiet sabiex jara lil ibnu stipulati fl-imsemmi kuntratt;*
4. *Illi sussegwentement għal dak il-ftehim, l-intimata fetħet proċeduri fejn talbet lil Qorti tagħtiha permess tgħix Malta u sabiex il-minuri jibda jattendi l-iskola St. Edwards fejn, dik il-Qorti b'digriet tat-23 ta' Lulju 2009 bidlet il-modalitajiet tal-aċċess għall-perjodi meta l-istess minuri jkun l-iskola bis-segwenti:*

*"(i) Fiċ-ċirkostanzi u fl-aħjar interess tal-minuri, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreġistra lill-minuri fl-iskola ta St. Edwards, fejn ser tkun qed tgħallem l-omm u għal dan il-fini tawtotizzaha żżomm lill-minuri jirrisjedi f'Malta magħha matul il-gimgħa;*

*(ii) timmodifika għalhekk il-modalitajiet ta' l-aċċess tal-missier għall-minuri billi b'effett minn meta tibda l-iskola, dan għandu jitgawda fil-weekend bejn il-Gimgħa fil-ħamsa ta' wara nofsinhar (5:00pm) u s-Sibt fl-istess ħin, u darba f'xahar bejn is-Sibt fil-ħamsa ta' wara nofsinhar (5:00pm) u l-Ħadd fl-istess ħin, b'dana illi l-omm għandha twassal hi lill-minuri f'Għawdex u terġa' tiġbru ill-istess post, kif qed isir fil-preżent"* (Dok JC2)[3]

*Riżultat ta' liema l-esponenti qed jara lill-ibnu bil-ħafna inqas minn qabel;*

5. *Illi dik l-Onorabbli Qorti ma daħlitx fil-kwistjoni ta' x'għandu jiġri fil-vaganzi tas-Sajf, Milied u festi pubbliċi u meta l-minuri ma jkollux skola, konsegwenza ta' liema l-intimata qed tieħu deċizjonijiet*

[3] Liema dokument jinsab esebit a fol 16 tal-proċess

*unilaterali dwar dak li għandu x'jaqsam m'aċċess fl-imsemmija perjodi u l-esponenti qed jiġi ripetutament imċaħħad milli jara lill-ibnu Eric;*

6. *Illi għalhekk, l-esponent xtaq li jirregola l-kura u l-kustodja u l-aċċess li hu għandu jkollu versu ibnu Eric u biex jagħmel dan kollu pprosegwa permezz ta' medjazzjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti;*

7. *Illi l-esponenti ġie awtorizzat jipproċedi b'dil-kawża mill-Qorti tal-Familja, permezz ta' digriet datat 28 ta' Novembru 2012 (Dok JC3)[4];*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna li l-esponent ikollu aċċess għall-minuri bi ġranet u ħinijiet inkluż sleepover regolat favur l-esponent, taħt dawk il-modalitajiet li l-istess Qorti jogħġobha timponi fl-interess suprem tal-istess minuri;*
2. *Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkonċentraw lill-minuri Eric, fosthom iżda mhux limitatament dwar kif għandu jiġi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet edukattivi oħra u extrakurrikulari, kif wkoll okkazzjonijiet ta' festi pubbliċi u avvenimenti fil-ħajja tal-minuri bħal l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma u dan kollu taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata inġunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda[5] tar-rikorrent kif ukoll il-lista tad-dokumenti[6];

---

[4] Liema dokument jinsab esebit a fol 17 tal-proċess
[5] Fol 3
[6] Fol 4

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata C D fejn eċċepiet:

1. *Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti u dan stante illi l-modalitajiet tal-aċċess huma tali illi jieħdu in konsiderazzjoni l-aħjar interessi tal-minuri u bl-ebda mod ma huma qed iċaħħdu lill-missier minn ħin ta' kwalita' m'ibnu;*

2. *Illi ai termini tal-Artikolu 158 il-konvenuta tiddikjara illi hija tikkonferma l-ewwel tliet premessi u is-sitt u s-seba' premessi tal-attur, tikkonferma r-raba premessa in kwantu għal konvenut tad-digriet u tikkontesta dik il-premessa fil-bqija u l-premessi kollha rimanenti;*

3. *Illi fil-mertu fost affarijiet oħra l-attur qed jitlob li tiġi rregolata l-attendenza tal-minuri għall-iskola. Illi f'dan ir-rigward jiġi eċċepiet illi l-attendenza tal-minuri fl-iskola hija waħda regolari ħafna u illum it-tifel jinsab issetiljat fl-iskola St. Edward's. Il-minuri jinsab għal qalbu ħafna u għandu l-ħbieb u kwotidjanita sħiħa f'din l-iskola u għalhekk żgur li mhux fl-aħjar interess tal-minur li jinbiddlu dawn iċ-ċirkostanzi stante li l-minuri huwa ferħan u għandu stabbilita' sħiħa fir-rutina tal-iskola li għandu kurrentament. Ma hemmx dubju li din l-iskola hija għall-aħjar benefiċċju tal-iben uniku tagħhom u l-missier għandu introjtu tajjeb ħafna li jista' jkopri;*

4. *Illi in oltre' fir-rigward tal-iskola il-Qorti diġa iddikjarat fid-digriet tagħha tat-23 ta' Lulju 2009 li huwa fl-aħjar interess tat-tifel li jattendi l-iskola St. Edward's iktar u iktar peress li din hija l-istess skola fejn qed taħdem l-omm u ma inbidlu l-ebda ċirkostanzi fil-partijiet minn dakinhar tad-digriet tagħha tat-23 ta' Lulju 2009 li huwa fl-aħjar interess tat-tifel*

*li jattendi l-iskola Skola St Edward's iktar u iktar peress li din hija l-istess skola fejn qed taħdem l-omm u ma inbidlu l-ebda ċirkostanzi fil-partijiet minn dakinhar tad-digriet 'il hawn;*

5. *Illi fir-rigward tal-modalitajiet tal-aċċess tal-missier għall-minuri din l-Onorabbli Qorti trid tqis illi l-minuri u ommu jgħixu Malta u għandhom l-attivitajiet kollha tagħhom ġewwa Malta u dan kif ser jiġi ppruvat waqt l-mori tal-kawża u kif ukoll illi l-missier għandu impenji lavorattivi illi ma jippermettulux igawdi lill-ibnu fil-ħin li qed jipproponi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt il-mori tal-kawża. Jeżistu wkoll problemi ċirkostanzjali kollha kaġun u anzi għazliet tal-istess rikorrenti li kontinwament, dan kif ser jiġi ppruvat waqt il-mori tal-kawża li ma jippermettux aċċess kif trid il-liġi.*

   *Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.*

Rat il-lista tax-xhieda[7] tal-intimata;

Rat l-affidavit tar-rikorrent;[8]

Rat il-verbal tal-20 ta' Frar 2013, fejn il-Qorti ħatret lil Dr Nadia D bħala assistent ġudizzjarju sabiex tisma l-provi kollha tal-kawża;

Rat id-Digriet tas-7 ta' Lulju, 2013 fejn il-Qorti ħatret ll Dr Tanya Sammut Catania bħala Avukat tat-Tfal sabiex tirrelata dwar it-talbiet tar-rikorrent ai termini tar-rikors tiegħu tal-26 ta' Ġunju, 2013, fid-dawl tar-risposta.

Rat id-Digriet tat-3 ta' Awwissu, 2013 u d-Digrieti kollha sussegwenti;

[7] Fol 26
[8] Fol 27 sa 30

Rat il-verbali kollha, l-affidavits, ix-xhieda mressqa u d-dokumenti esebiti, li ġew in parte miżmuma quddiem l-Assisent Ġudizzjarju Dr Nadia D, il-perit legali Dr Gabriella Buttigieg u sussegwentment l-perit legali L-Onor. Mag Dr Abigail Critien;

Rat r-rapporti tal-Avukat tat-Tfal, id-Digrieti, ir-rapport tal-psikologa Mrs M Sammut, ir-rapport tal-perit legali u domandi li sarulha in eskussjoni, in-noti ta' sottomisjonijiet tal-partijiet u l-atti proċesswali kollha.

Rat l-atti kollha in konnessjoni mal-proċeduri ta' disprezz u ċioe` tal-Rikors 302/12/1AL u d-digriet deċiż fil-31 t'Ottubru, 2018 kif ikkonfermat fl-Appell fid- 9 ta' Lulju, 2020; tar-Rkors 302/12/2AL u tar-Rikors 302/12/3 AL;

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti għandha quddiemha kawża li nbdiet kważi tnax-il sena ilu. L-azzjoni kif promossa mir-rikorrent missier tirrigwarda l-aċċess tiegħu għall-ibnu l-minuri Eric.

Illi meta r-rikorrent ipproċeda b'din il-kawża, il-minuri kellu sitt (6) snin, filwaqt li llum għandu sbatax-il (17) sena u f'Marzu li ġej jagħlaq tmintax-il (18) sena u jsir maġġorenni.

Il-partijiet, - li t-tnejn li huma twieldu u trabbew f'Għawdex-, isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni fl-14 ta' Jannar, 2008. Dan il-kuntratt huwa

esebit in atti bħala Dok JC 1[9]. Illi sussegwentement, u wara li ġie ffirmat u ppublikat dan l-imsemmi kuntratt, l-intimata kisbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti diversament presjeduta[10] sabiex titlaq minn Għawdex u tiġi tirrisjedi hawn Malta flimkien ma binha li kien għad kellu erba' snin (4) snin[11], sabiex il-minuri jibda jattendi l-ikola St Edwards College u ċioe` fl-istess skola fejn l-intimata kienet sabet impieg bħala għalliema. Illi skont dan id-digriet ir-residenza tal-minuri Eric matul il-ġimgħa kienet ser tkun Malta minflok Għawdex. Konsegwentement il-Qorti fid-digriet tagħha immodifkat il-modalitajiet ta' l-*aċċess tal-missier kif ġej:*

*"timmodifika għalhekk il-modalitajiet ta' l-aċċess tal-missier għall-minuri billi b'effett minn meta tibda l-iskola, dan għandu jitgawda fil-weekend bejn il- Ġimgħa fil-ħamsa ta' wara nofsinhar (5:00 pm) u s-Sibt fl-istess ħin, u darba f'xahar bejn is-Sibt fil-ħamsa (5:00pm) u l-Ħadd fl-istess ħin, b'dana illi l-omm għandha twassal hi lill-minuri f'Għawdex u terga' tiġbru mill-istess post, kif qed isir fil-preżent.*"

Illi rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni, ir-rikorrent fetaħ proċeduri ta' medjazzjoni hawn Malta. Skont dak li jirriżulta mill-atti, l-intimata m'attendietx għal-medjazzjoni u konsegwentement il-medjazzjoni ngħalqet u r-rikorrent ġie awtorizzat sabiex jipproċedi din il-kawża.

Illi l-intimata ppreżentat risposta ġuramentata u permezz tal-istess opponiet għat-talbiet tar-rikorrenti u dan għaliex skontha l-modalitajiet tal-aċċess skont id-Digriet tat-23 ta' Lulju, 2009 kienu jirriflettu dak li huwa fl-aħjar interess tal-minuri li bl-ebda mod ma kien qed iċaħad lill-missier

[9] Fol 5

[10] Digriet esebit in atti bħala Dok JC 2 Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja datat 23 ta' Lulju, 2009

[11] Vide Dok JC 2 Digriet esebit in atti bħala Dok JC 2 Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja datat 23 ta' Lulju, 2009, u skont il-kuntratt ta' separazzjoni Dok JC 1 data tat-twelid tal-minuri hija 5 ta' Marzu, 2006

mill-aċċess. Fir-risposta tagħha ssosnti wkoll li hi u l-minuri għandhom ħajjithom hawn Malta.

Illi minn hemm bdiet il-battalja legali bejn il-partijiet liema battalja tant damet snin twal, li ftit xhur oħra il-minuri jsir maġġorenni.

Illi qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu, il-Qorti tara idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, u ċioe` riassunt tal-verżjoni tal-partijet, tal-provi kollha mressqa minnhom u kif ukoll il-konsiderazzjonijeit tal-istess perit legali, u dan sabiex tiġi evitata ripetizzjoni inutli.

**Ir-Rapport tal-Perit Legali[12]:**

Illi l-Qorti nnominat lil Dr Abigail Critien illum Maġistrat, bħala perit legali permezz ta' Digriet datat it-23 ta' Novembru 2016 u inadempjenza tal-inkarigu mogħti lilha żammet is-segwenti seduti:

- 23 ta' Marzu 2017 fejn xehed l-attur in kontro-eżami
- 9 ta' Marzu 2017 fejn kompla jixhed l-attur in kontro-eżami
- 27 ta' Ġunju 2017
- 24 t'Ottubru 2017
- 28 ta' Jannar 2018
- 22 ta' Frar 2018
- 22 ta' Marzu 2018
- 22 ta' Mejju 2019
- 16 ta' Lulju 2019
- 31 t'Ottubru 2019

[12] Għal kull buon fini dak li qed jiġi riprodott huwa minn fol 5 paragrafu 5 tar-rapport tal-perit legali 'l quddiem

- 31 ta’ Jannar 2020 fejn xehdu E B u F B in kontro-eżami
- 22 ta’ Jannar 2020
- 6 ta’ Frar 2020
- 26 ta’ Frar 2020 fejn xehdu James Wattson, Janet Cicala, Roberta Zammit Briffa u Patrick Padovani

Illi f’dan l-istadju l-Qorti ser tirriproduċi testwalment il-kontenut sħiħ tar-rapport tal-perit legali.

5. ***<u>Ix-Xhieda tal-Attur</u>***

*L-attur li xehed permezz tal-Affidavit tiegħu datat l-4 ta’ Frar 2013*[13] *u li permezz tiegħu stqarr li kienet martu li riedet li tissepara u kien imdejjaq speċjalment minħabba li ibnu Eric kellu biss sena u nofs u meta kienu jiddiskutu sabiex issir is-separazzjoni bonarjament hu kien għamilha ċara li hu xtaq ikollu aċċess liberu għat-tifel sabiex jara lil ibnu kemm jista’ jkun frekwenti.*

*Isseparaw bonarjament permezz ta’ kuntratt quddiem in-Nutar Dr. Paul George Pisani u f’dak il-kuntratt kienu ftehmu sabiex kura u kustodja tkun konġunta u kif kien ser jara lit-tifel tiegħu.*

*Kien qiegħed ikollu aċċess fost il-gimgħa, fil-weekends u fil-vaganzi tat-tifel fost ħinijiet oħra u kellu ħinijiet flessibli. Il-kuntratt kien jistipola aċċess bil-mod segwenti:*

[13] Liema affidavit jinsab esebit a fol 28 tal-proċess

- *It-Tlieta u l-Ħamis mis-sitta ta' filgħaxija sad-disgħa ta' filgħaxija (6:00p.m. sa 9:00p.m.);*

- *Kull nhar ta' Ġimgħa mis-sebgħa ta' filgħaxija sas-Sibt tal-għada fis-sebgħa ta' filgħaxija (7:00p.m. sa 7:00p.m.), iżda fl-aħħar tmiem il-gimgħa ta' kull xahar dan l-aċċess għandu jiġi eżerċitat minflok mis-Sibt fis-sebgħa ta' filgħaxija sal-Ħadd ta' l-għada fis-sebgħa ta'filgħaxija (7:00p.m. sa 7:00p.m.).*

*Kien ukoll ġie deċiż illi Eric kellu jqatta' il-Milied u l-Ewwel tas-Sena b'mod alternat. Fil-Milied kellu jqatta' mis-sebgħa ta' filgħaxija ta' lejliet il-Milied sal-għaxra ta filgħodu ta' nhar il-Milied (7:00p.m. sa 10:00p.m.) ma' missieru u fl-okkażżjoni tal-Ewwel tas-Sena sat-tmienja ta' filgħaxija tal-istess jum (10:00a.m. sat-8:00p.m.), u fis-sena ta' wara l-ħinijiet kellhom jinqalbu bejn iż-żewġ okkażjonijiet. It-tifel kellu ukoll ikun mar-rikorrent f'ħames festi pubbliċi, mis-sebgħa ta' filgħaxija ta' lejliet il-festa, sas-sebgħa ta filgħaxija ta' jum il-festa.*

*Jispjega li l-aċċess miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni kien qiegħed jaħdem. Iżda mbagħad C ftit ta żmien wara telqet min Għawdex u marret tgħix u taħdem Malta mingħajr ma infurmat lil ħadd. Kien hemm żmien fejn il-Qorti u r-rikorrent ma kienux jafu fejn kienet qiegħda tirrisjedi u anqas fejn kien jirrisjedi l-minuri.*

*C għamlet rikors il-Qorti t'Għawdex sabiex il-minuri imur skola St Edward's College fejn kienet bdiet taħdem bħala teacher. Il-Qorti bidlet l-aċċess tiegħu għal matul il-gimgħa, fi żmien l-iskola biss. F'daqqa waħda ġie imċaħħad min ibnu fejn qiegħed jarah 24 siegħa biss fil-weekend. Illi il-Qorti ma iddeċidietx x'għandu jiġri fil-vaganzi u festi publiċi u għalkemm talabha sabiex iżommu mal-kuntratt rigward dawn iż-żminijiet, l-intimata irrifjutat u sabiex ra lil ibnu għal Milied, l-Ewwel tas-Sena u l-Ghid hu kellu jagħmel rikors.*

*Ikompli jispjega li meta t-tifel ikun miegħu, jesprimi x-xewqa li jqatta' iktar ħin ma' missieru u t-tifel stess kien jipprova billi jibgħatilha messaġġi jew iċemplilha sabiex iqatta' iktar ħin ma' missieru imma qatt ma kienet tirrispondieh. Ġieli ċemplila r-rikorrent stess quddiem ibnu u xorta ma twieġbux. Kienet tgħid lil binha li jekk missieru jieħdu tard il-gimgħa ta' wara ma kienetx tħallih jerga' jmur ma' missieru. Eric jixtieq li missieru jieħdu training tal-football iżda l-intimata lanqas din qatt ma aċċettat.*

*Iżid jgħid li ma jarax lil ibnu fil-birthday tiegħu, l-anqas fil-birthday ta' ibnu, la fil-father's day u anqas f'okkażjonijiet tal-familja tiegħu għalkemm ikun infurmaha minn qabel sabiex jintlaħaq kompromess.*

*Jixtieq illi jqatta' iktar ħin ma ibnu fil-vaganzi speċjalment għax l-intimata tkun Għawdex bit-tifel f'dawk iż-żminijiet. Jixtieq ukoll illi fil-praċett ikun hemm ma' ibnu u l-familja tiegħu ikunu preżenti u mhux biss C u l-Familja tagħha ikunu preżenti. F'okkażjonjiet fejn huma tal-familja tar-rikorrent jixtieq li ibnu jmur miegħu. Jixtieq igawdih u jiltaqa' miegħu fil-birthday tiegħu, fil-birthday ta' ibnu stess u fil-father's day.*

*A B jagħlaq l-affidavit tiegħu billi jgħid li ma kellu ebda għażla ħlief illi jiftaħ il-proċeduri legali u qiegħed jagħmel dan fl-aħjar interessi t'ibnu sabiex ibnu ikun jista' jgawdi lil missieru daqs kemm igawdi lil ommu. Huwa jgħid li t-tifel huwa kemm tal-omm kif ukoll tal-missier u jixtieq li jkun jista' jqatta ħafna ħin miegħu u jgawdih kif kien jagħmel qabel.*

6. ***Ix-xhieda tal-Intimata***

*Permezz tax-xhieda tagħha tal-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2013 C D qalet li hija għalliema, u li hija sseparat minn ma' A B f'Jannar tal-2008. Hija tgħid li bdiet tgħix f'Malta f'Lulju tal-2009 wara d-digriet tal-Qorti. Staqrret li sakemm inħareġ id-digriet f'Lulju tal-2007 (li pero' jidher li kienet qed tirreferi għad-digriet ta' Lulju 2009) il-modalita' tal-aċċess baqgħet tkun segwita kif imnżżel fil-kuntratt ta' separazzjoni. Dan sakemm, hija marret tgħix f'Malta. Hija żiedet li fl-istess Sajf, it-tifel kien irrifjuta li jmur mal-missier għall-aċċess tlettax il-darba anke jekk il-pulizija kienu jipprovaw jikkonvinċu lit-tifel sabiex imur. C D qalet li l-minuri Eric kien jgħid li jiddejjaq. Hija tgħid li t-tifel kien jgħid l-istess diskors lis-social worker li kienet tiġi d-dar. Is-Social Worker huwa Peter Paul Portelli li dan kien diġa involut fil-każ peress li C D tgħid li xtaqet illi A B jagħtiha l-kunsens sabiex tkun tista toqgħod Malta mingħajr ħtieġa li jidħlu l-Qorti. Hija stqarret ukoll li kien ilha erba' snin bla ma' taħdem minħabba l-fatt li kellha tarbija, u kien ilha ma' taħdem minn meta kienet pregnant. Sakemm il-minuri Eric għalaq 4 snin, hija kienet taħdem biss darba fil-ġimgħa fl-impjieg li kellha qabel ma' twieled il-minuri. Is-social worker daħal fl-istorja wara li A B għamel talba sabiex jidħol l-istess social worker wara ittra li rċieva mingħand l-avukat ta' C D li kienet informat lil B li kienet ser tmur taħdem ġewwa Malta. Meta C D tkellmet mas-Social Worker, hija tgħid li diġa kellha konferma mill-iskola li kienet aċċettata hemmhekk u li l-minuri Eric kien aċċettat fl-iskola. Wara laqgħa li saret bejn C D, A B u s-Social Worker ma' ntlaħaq ebda ftehim. Ix-xhud tgħid li A B kien wera x-xewqa li hija ma' jkolliex il-karriera tagħha. Hija tgħid li kien meeting qasir ħafna għaliex A beda jagħmel opposizzjoni lejn ix-xhud. Hija tgħid ukoll li għamlet ħafna telefonati mas-social worker sabiex jipprovaw jaslu għal ftehim pero ma' waslux. Meta mistoqsijja jekk onoratx id-digriet tal-Qorti ta' nhar it-3 ta' Awwissu 2013, hija tistqarr li saret taf b'dan id-digriet kien lejliet il-ġurnata fejn it-tifel kien ittieħed Għawdex. Il-missier, fl-ebda ħin ma' nforma lill-C D rigward il-fatt li ġie maħruġ dan id-digriet u żamm lit-tifel sal-Ħadd filgħaxija. It-tifel beda jsaqsi lil missieru biex ikun jista jċempel lil C D u*

*meta rritorna lura għandha, C D tgħid li t-tifel deher fi stat ta' xokk. C D stqarret fix-xhieda li t-tifel qalilha illi N u P kienu preżenti waqt li t-tifel kien għand A B. Hija tistqarr li kienet rat dan b'għajneja stess u ressqet rikors sabiex jiġi spjegat lill-Qorti x'kien qiegħed jiġri. Hija qalet ukoll li wara dak il-weekend it-tifel ma' reġax mar għand missieru u dan għaliex it-tifel stess kien iddeċieda dwar dan, anke wara li Pulizija, Marixall tal-Qorti kif ukoll Social Worker provaw jikkonvinċu lill-minuri sabiex imur għall-aċċess. Ix-xhud qalet ukoll li tlett ġimgħat qabel, it-tifel ġie mitkellem fil-magħluq u hija ma' kinitx preżenti għaliex hija kienet f'kamra oħra mas-Surġent Jason Spiteri, fejn it-tifel xorta waħda baqa' juri x-xewqa li ma' jmurx ma' missieru. Fl-istess xhieda, D tgħid li t-tifel xtaq ikellem lil missieru biss fil-presenza tagħha, u meta dan seħħ, il-missier xorta waħda naqas milli jikkonferma li dawn iż-żewġ persuni ma' kienux ser ikunu preżenti, quddiem il-Pulizija u s-Social Worker. It-tifel xorta waħda wera li ma' jridx imur aktar għall-aċċess.*

*Fix-xhieda tagħha tat-8 ta' Novembru 2013 l-istess intimata tgħid li saret taf bid-digriet tal-Qorti mogħti fl-istess ġimgħa fil-ġurnata ta' qabel is-seduta. Hija stqarret li tgħix Malta, pero' familja għajr it-tifel ma' kelliex. Hija stqarret li Eric għandu kuġini kemm min-naħa tagħha kif ukoll min-naħa ta' A B. Hija spjegat il-komposizzjoni tal-familja tagħha kif ukoll ta' xi relazzjonijiet illi Eric għandu ma' familjari min-naħa ta' A B. C D, tgħid illi Eric kellu attivitajiet extra-kurrikulari li kien jagħmel bħal football, athletics, drums kif ukoll il-mużew. Hija stqarret li l-mużew u l-athletics kien jattendi għalihom fl-iskola stess filwaqt li d-drums u l-football jattendi għalihom wara l-ħin tal-iskola. Hija stqarret li l-attivitajiet kollha jsiru Malta, ħlief d-drums li kien isir Għawdex kull nhar ta' Sibt. Hija tgħid li A kien jiġbor lil Eric minn quddiem id-dar tagħha f'Għawdex u kien iwasslu lura quddiem id-dar tagħha f'Għawdex ukoll. C D tgħid li hija ma' tkellimx lil qraba ta' A B u ma' tiltaqax magħhom. Is-Social Worker kien ġie appuntat mill-Maġistrat Coppini wara li C D kienet għamlet rikors sabiex tkun*

*tista' taħdem f'Malta. D tgħid li s-Social Worker ġie appuntat sabiex jintlaħaq kompromess bejn iż-żewġ partijiet fir-rigward tat-talba illi C D kif ukoll l-minuri Eric jgħixu f'Malta. Il-maġistrat kien ta' terminu ta' tlett ġimgħat sabiex jintlaħaq kompromess. D tgħid li f'dan il-perjodu, s-Social Worker kien sar medjatur. Is-Social Worker iltaqa' mat-tifel sussegwentament wara li l-minuri kien ċaħad għal tlettax il-darba li jmur ma' missieru għall-aċċess.*

*L-intimata xehdet ukoll waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2016 quddiem il-Perit Legali Dr. Gabrielle Buttigieg fejn ikkonfermat li tifforma parti mill-għaqda bl-isem 'Academy Private Tuition' f'Għajnsielem li jagħtu lezzjonijiet tal-privat f'diversi suġġetti u li l-partner tagħha H I hu d-direttur tal-istess akkademja.*

*7. Illi fil-mori tal-kawża tressqu s-segwenti provi u xhieda li fl-assjem tagħhom jagħtu stampa ċara ħafna ta' kif il-minuri Eric spiċċa ballun bejn żewġ ġenituri li jgħixu waħda f'Malta u l-ieħor f'Għawdex u kif il-missier min-naħa għamel minn kollox biex iżomm ir-relazzjoni m'ibnu ħajja u min-naħa l-oħra kif l-intimata omm għamlet minn kollox biex tostakola tali relazzjoni u aċċess u wara tant manuvri waslet biex qatgħet l-aċċess (fir-realta' u mhux permezz ta' xi ordni ta' din l-Onorabbli Qorti) u l-missier mhux jara lil ibnu (sakemm ma kienx hemm xi żviluppi oħra li rriżultaw wara li ingħalqu l-provi tal-partijiet):*

*i. **E B** li permezz ta' affidavit[14] ippreżentat nhar is-7 ta' Mejju 2013 stqarret illi hija tiġi omm A B u hija ikkonfermat illi binha għandu tifel miż-żwieġ tiegħu ma' C D. Hija staqrret li ħadet xokk meta saret taf illi C riedet tissepara minn ma' binha A.*

[14] Liema affidavit jinsab esebit a fol 40 tal-proċess

*Tgħid li ż-żmien ta' separazzjoni kien "trawmatiku ħafna[15]" għal kulħadd minħabba l-fatt li A B u C kien ilhom f'relazzjoni minn mindu A kellu tmintax (18) -il sena. Tgħid ukoll illi t-talba għal din is-separazzjoni saret meta il-minuri Eric kien għad kellu biss sena u tmien xhur. Hija tistqarr illi A kien jiftaħ qalbu magħha ħafna drabi waqt f'dan iż-żmien partikolari. Huwa aċċetta li ssir is-separazzjoni, pero' huwa xtaq li l-minuri Eric ma' jbatix u li jkollu kuntatt kontinwu u frekwenti ma' ibnu. Fil-kuntratt ta' separazzjoni, waħda mill-kundizzjonijiet prinċipali kienet illi binha A ikollu aċċess frekwenti u liberu ma' ibnu Eric. Hija tistqarr illi kien sar ftehim bil-kuntratt fir-rigward tal-aċċess u permezz tiegħu Eric kellu jkun ma' missieru darbtejn fil-ġimgħa għal xi tlett siegħat, kif ukoll għal erbgħa u għoxrin siegħa fil-weekends. Ma' dan, kien maqbul ukoll li jkun hemm aċċess fil-public holidays, festi bħal Milied u okkuażjonijiet oħrajn.*

*E tistqarr li A kien imur ta' spiss għandha u kien ikun hemm il-minuri Eric preżenti, u dan kien isir sabiex Eric ikollu relazzjoni tajba man-nanniet tiegħu kif ukoll ma' ħut missieru u uliedhom. Hija tgħid li Eric kien dejjem ikun ferħan meta kien ikun hemm. Pero' dan kollu inbidel minħabba l-fatt illi C D marret taħdem u tgħix Malta u minħabba dan, A ġie sfurzat jara lil ibnu għal erbgħa u għoxrin siegħa fil-weekends biss. Hija tgħid li dak kollu li A iġġieled għalih waqt in-negozjati għal kuntratt ta' separazzjoni spiċċa fix-xejn.*
*Kompliet tistqarr li A xorta waħda għadu jmur ħdeja b'Eric meta dan ikun miegħu u żżid tgħid ukoll li meta jkun ma' missieru, Eric ikun kuntent ħafna u dejjem jogħqod ħdejh sabiex igawdi kull minuta li jkollu miegħu. Fl-affidavit, E tgħid illi Eric dejjem stqarr li jixtieq igawdi aktar lill-missieru, imqar fil-vaganzi. E qalet ukoll li f'diversi okkażjonijiet, Eric ma' kienx ikun irid imur lura għand ommu minħabba li jkun irid joqgħod ma' missieru, pero' E u binha A dejjem*

[15] Ara Fol. 40

*spjegawlu li ikun hemm bżonn li jmur m'ommu u li forsi d-darba ta' wara, ommu tħallieh joqgħod aktar ma' missieru.*

*E tgħid li lil Eric, A iħobbu ħafna u għaddej minn dawn il-proċeduri minħabba l-fatt illi huwa jixtieq li jqatta aktar ħin ma' ibnu u sabiex ikollu relazzjoni tajba ma' missieru.*

*In kontro-eżami waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2020 l-istess xhud tgħid li ilha ma tara Lil Eric sena u 3 xhur. Ma tafx għaliex għax dejjem kien jieħu gost magħhom. Tgħid ukoll li lil A m'għandhiex għalfejn tisaqsih għala ilha ma tara lil Eric għax kull darba li jinżel biex jarah, jew ommu ġġiegħlu jaħrab minn ma' A mill-garaxx tagħhom stess (għalkemm tikkonferma li ma kienitx preżenti għal dan l-episodju) u għalhekk tikkontendi li bilfors li ommu ġġiegħlu għax kieku ma jmurx għand ommu. Nitlob għalih u moħħni fih. Ix-xhud iżżid tgħid ukoll li fl-ewwel sena u nofs wara s-separazzjoni ma kinitx tħalli lill-ommha u missierha jaraw lit-tifel għax kienet miġġielda magħhom u issa qed tagħmel l-istess. Tgħid li fit-3 siegħat li kien ikollu A mat-tifel kien jieħu lit-tifel siegħa u nofs għand ommha u missierha minn wara dahra u siegħa u nofs għandna biex it-tifel jara liż-żewġ nanniet taż-żewġ naħat u l-kuġini.*

*Tiddikjara li kienet tmur tara lit-tifel l-iskola u kienet close miegħu u li ma baqgħetx tmur għax ma tafx dettalji dwar l-iskola. Issostni li C qed tbiegħed lit-tifel minn magħhom. Tgħid li sakemm kienet għadha tarah kienet close miegħu iżda issa ilha ma tarah sena u 3 xhur minħabba C b'dan li lanqas ippermettiet li tieħu ritratt mat-tifel fil-ġurnata tal-griżma tiegħu. Irnexxielha tieħu ritratt miegħu fil-knisja Malta għax ġibditu magħha;*

*ii. **F G B** li permezz ta' affidavit*[16] *ippreżentat nhar is-7 ta' Mejju 2013 jiddikjara li jiġi ħu A B. Jsostni li ħuħ A għadda minn żmien trawmatiku ħafna meta martu ddeċidiet li tissepara minn miegħu minħabba l-fatt li ibnu Eric kien għadu tarbijja u beda jibża li ma' kienx ser jingħata aċċess sabiex jara lil ibnu b'mod frekwenti. Huwa qal li jaf li waqt is-separazzjoni kien maqbul li A B jara lil ibnu Eric b'mod frekwenti u regolari. Wara s-separazzjoni dan kien seħħ, u A kien jara lil ibnu għal ħin twil fil-weekend u għal ħin iqsar darbtejn fil-ġimgħa. Huwa kien jara lil ibnu ukoll fil-festi tal-Milied u okkażjonijiet oħra f'ħinijiet speċjali.*

*Xi żmien wara, A kien qal lil F G B illi omm Eric marret tgħix Malta u b'hekk, l-aċċess versu ibnu ġie ridott għal erbgħa u għoxrin siegħa fil-weekend. F jgħid illi "ħija kien iddispjaċieh ħafna u dak kollu li ġġieled għalih fuq il-kuntratt, kollox kien sfaxxa fix-xejn.*[17]*" F isostni illi llum l-ġurnata Eric imur għand ħuħ A ġurnata fil-weekend u li m'għandux aċċess għal ibnu f'okkażjonijiet speċjali jew waqt il-vaganzi ta' l-iskola jew f'public holidays.*

*F jistqarr illi hu kemm il-darba jkun ma' ħuħ u ibnu Eric, waqt l-aċċess u jiddiskrivi lil A bħala missier dedikat u jipprova jqatta ħin ta' kwalita ma' ibnu. Huwa jgħid li t-tifel iħobbu ħafna lil missieru u dejjem ikun ferħan miegħu. F jsostni li huwa close ma' Eric u meta tkellem miegħu, Eric ġieli stqarr li jixtieq li jqatta' ħafna aktar ħin ma' missieru. F jżid li minkejja din ix-xewqa ġejja kemm mill-missier kif ukoll mill-iben, l-omm dejjem tirrifjuta li dan iseħħ u dejjem iżżid l-ostakoli biex jiżdied il-ħin tal-aċċess anke f'każijiet fejn A għamel talbiet speċjali għal okkażjonijiet speċjali tal-familja. F jgħid li Eric lanqas biss seta' jattendi għall-magħmudija ta' ibnu (li naturalment jiġi l-kuġin dirett tal-istess minuri) u attenda biss għal ħames minuti għar-ritratti għax kien skada l-ħin. Huwa jgħid li tilef ħafna attivitajiet tal-familja ta' ħuħ.*

---

[16] Liema affidavit jinsab esebit a fol 42 tal-proċess
[17] Ara Fol. 42

*Jgħid ukoll li Eric kellu jattendi biss għall-ewwel parti tal-magħmudija tat-tifel ta' ħabib tiegħu u A minħabba l-fatt illi wara l-quddiesa kellu jirritorna għand ommu. Jiddikjara li l-minuri Eric għatxan għal missieru, filwaqt li A jixtieq ħafna li jara aktar lil Eric u li lest jagħmel kollox għalih, saħansitra biddel ir-rutina tax-xogħol tiegħu sabiex jakkomoda dak li qalet il-Qorti u jagħmel kollox biex il-ħin li jqattgħu flimkien ikun wieħed ta' kwalita. F jtemm jgħid li waħda mir-raġunijiet il-għala beda proċeduri legali huwa propju minħabba l-aċċess fil-public holidays u vaganzi.*

*In kontro-eżami waqt is-seduta ta' nhar il-31 ta' Jannar 2020 quddiem il-Perit Legali ix-xhud jgħid li lil C l-aħħar li kellimha kien meta kienet għadha ma' ħuħ – qabel ma bdew is-separazzjoni. Jgħid li lil Eric kien jarah meta kien ikun ma' ħuħ u f'okkażżjonijiet tal-familja. Kien jarah skond l-aċċess ta' ħuħ. Meta l-aċċess kien qed jiġi eżerċitat kien jarah regolarment u meta dan ma baqax isir ma baqax jarah. Jiddikjara li ilu ħafna ma jara lil Eric – snin. Waqaf jara lill-minuri meta l-istess minuri kellu madwar 12 -il sena. Jikkonferma li kien il-minuri stess li kiteb il-kartolini għal missieru u li jħobbu. Ix-xhud iżid jgħid ukoll li meta l-minuri kien ikun waħdu miegħu kien jgħidlu li jrid iqatta' aktar ħin ma' missieru (u dan mhux darba waħda biss) imma ommu ma tħallieħx.*

*iii. **J K L** li permezz ta' affidavit[18] ippreżentat nhar is-7 ta' Mejju 2013 ikkonferma li jaf lil A B minn wara li dan issepara minn ma' martu. L jgħid illi A B jgħix għal ibnu Eric u huwa dedikat ħafna lejh. Eric ikun kuntent ħafna meta jkun ma' missieru u jikkonferma li x-xewqa tal-istess imsemmi A hi li jqatta' aktar ħin ma' ibnu b'mod aktar frekwenti, speċjalment fil-vaganzi tal-iskola.*

[18] Esebit a fol 44 tal-proċess

*Jgħid ukoll li kemm il-darba ħareġ ma' Eric u A u jgħid illi Eric iħobbu ħafna lil missieru. Huwa jgħid li Eric joqgħod viċin ħafna ta' missieru meta jkunu flimkien għar-raġuni li jkun irid iqatta' l-aktar ħin possibli ma' missieru. Huwa jżid li Eric dejjem ikun ferħan ma' missieru, pero kif jasal il-ħin li huwa jmur lura għand ommu huwa jagħmel id-dwejjaq għax ikun ser iħalli lil missieru u jarah ġimgħa wara.*

*L stqsarr illi huwa ħassu ddispjaċut ħafna dwar il-fatt illi fil-magħmudija t'ibnu, Eric ma' setax joqgħod għal quddiesa u kellu jmur ftit wara għax kien sar il-ħin li jmur lura m'ommu. Jagħlaq l-affidavit billi jgħid li jkun fl-aħjar interess tal-missier u tal-iben li ikollhom aktar ħin flimkien sabiex igawdu lil xulxin.*

*iv.* ***Is-Surġent PS369 Joseph Mizzi*** *li xehed fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Mejju 2013*[19] *fejn spjega li ġie mitlub sabiex jesebixxi r-rapporti kollha li għamel A B. Huwa jistqarr li għamel riċerka bis-sistema u sab numru ta' rapporti li huwa esebixxa dokumenti mmarkati bħala PUL1 sa PUL24*[20]*. Huwa jgħid li ma' kienx involut fit-teħid ta' dawn ir-rapporti;*

*v.* **Ann Tabone**, *rappreżentant ta' St Edward's College li xehdet fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Mejju 2013*[21] *fejn hija kkonfermat li Eric ilu f'dan il-kulleġġ mill-kindergarten. Tgħid li f'dak iż-żmien kien year 2. Tiddikjara li hu well settled u għandu ħafna ħbieb u li hu wieħed mill-iktar tfal li sejrin tajjeb akkademikament. Tispjega wkoll li mar fl-uffiċju tagħha xi darbtejn sabiex jaqrala essay li kien għamel u tgħid ukoll li soċjalment it-tifel imur tajjeb ħafna għaliex tarah fil-playground tal-iskola u f'dan il-ħin huwa jkun imdawwar mill-ħbieb.*

[19] Ara a fol 48 tal-proċess
[20] Esebiti a fol 51 sa' 123 tal-proċess
[21] Ara a fol 48 tal-proċess

*Tabone tistqar li lil A B ratu l-ewwel darba f'din is-seduta pero kien ċemplilha sabiex jistaqsiha rigward l-okkażjoni tal-Ewwel Tqarbina li kienet ser issir fl-iskola. Hija tgħid li l-ġenituri jistgħu ikellmuwha meta jkun hemm bżonn, filwaqt li l-kuntatt mal-ġenituri dejjem jinżamm permezz tal-website u l-weekly gazzette li tkun online u jkun fiha informazzjoni rigward l-attivitajiet tal-iskola. Tgħid li r-reports u c-circulars jinħarġu b'mod elettroniku sabiex jinżamm kuntatt mal-ġenituri u li l-affarjiet personali bħar-reports ma' jkunux miftuħa għal kulħadd pero' jkunu aċċessibli biss għal min ikollu password.*

*Tgħid li ma tafx jekk A B għandux password biex ikollu aċċess għar-reports ta' ibnu u ma' kelliex dik l-informazzjoni waqt is-seduta pero' żżid tgħid li jekk il-ġenituri jitolbu din l-informazzjoni, l-iskola kienet tagħmel mill-aħjar biex taqdihom fl-iqsar żmien possibli, pero', jridu jkunu l-ġenituri li jitolbu l-password u dan jista' jseħħ permezz ta' telefonata jew inkella jmorru fiżikament l-iskola.*

*Tispjega wkoll li milli qaltila l-Head tal-Kindergarten kien hemm inċident meta l-missier kien ġie u ħa lit-tifel mill-iskola pero' kien twaqqaf u kienet ingħatat parir li qabel mat-tifel ikun ser jiġi miġbur mill-missier, kellhom jikkonfermaw mal-omm jekk dan kienx tajjeb għaliha. Hija tgħid li l-omm taħdem fis-Sixth Form u għalhekk għandha aktar aċċess għaliha ħabba li l-omm tkun fuq il-premises. Tgħid li ma' tafx min kien irreġistra lit-tifel fl-iskola minħabba li t-tifel ġie rreġistrat fil-kindergarten. Il-kindergarten qiegħda f'bini għalih u għandu head għalih. Hija tieħu ħsieb il-Junior School li hija blokka differenti tal-iskola. Hija tgħid li ġeneralment formola ta' reġistrazzjoni tiġi ffirmata miż-żewġ ġenituri pero f'dan il-każ ma' tafx;*

*vi. Fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2013, xehed is-Sur Saviour Theuma rappreżentant tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali li stqarr li ġie mitlub jagħti informazzjoni*

*rigward benefiċċji li ħadet is-Sinjura C D. L-istess xhud spjega l-ammonti ta' children's allowance li ħadet l-intimata filwaqt li żied dokumentazzjoni li turi l-ammont ta' benefiċċji li ħadet kif ukoll il-perjodi ta' meta dawn tħallsu;*

*vii. Fis-Seduta li nżammet nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2013, Xehed George Psaila prodott mill-attur li stqar illi huwa jokkupa l-kariga ta' surmast tal-iskola St.Edward's. Huwa qal li x-xogħol tal-*admissions *fl-iskola ma' jagħmlux hu iżda tagħmlu s-segretarja. Huwa qal li t-tifel ġie reġistrat fl-iskola fis-sena 2009/10 fil-kindergarten 1 u jidher li ġie rreġistrat minn C D. Fuq din l-applikazzjoni kien hemm biss il-firma tal-omm, u l-iskola mxiet ma' kopja ta' digriet li kella f'ideja. Huwa stqarr ukoll li x'aktarx l-emergency consent form x'aktarx ġiet mimlija minn C D. Ix-xhud George Psaila stqarr illi fl-aħħar paġna, C D kienet imliet id-dettalji tal-mobile tal-missier. Huwa qal ukoll li lil A B ġieli rah preżenti għal okkażjonijiet fl-iskola, fil-praċett tat-tifel. Huwa qal li naturalment, f'każ ta' emerġenza, minħabba l-fatt li l-omm taħdem fl-iskola stess, f'każ t'emerġenza, huma kienu ser imorru jfittxu lila dirett. George Psaila qal li ma' jirrżultax li l-iskola għandom kuntratt ta' separazzjoni personali ta' C D. Fil-każ ta' kommunikazzjonijiet oħrajn, ix-xhud qal li jrid jivverifika mal-Headmaster tal-Junior School pero f'każ ta' ġenituri separati, il-komunikazzjonijiet jintbgħatu liż-żewġ ġenituri. Huwa qal li jekk is-Sur B qiegħed fuq id-*database *tal-iskola, huwa kien ser jirċievi komunikazzjonijiet, pero jekk le, huwa seta' jikkuntatja lis-surmast jew lil Mrs Tabone/Ms Julie Mangion sabiex ikun fuq id-database. George Psaila qal li s-Sur B qatt ma' kellem lilu sabiex ikun imniżżel fuq id-database, madankollu, ma' eskludiex li kellem lil xi ħadd ieħor f'dan ir-*rigward. *L-istess xhud kompla jixhed fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2013 fejn stqarr li fis-seduta preċedenti kien mitlub li jivverifika rigward il-kuntratt tas-separazzjoni taż-żewġ partijiet u jekk l-iskola għandiex kopja tal-istess kuntratt. Huwa qal li l-iskola ma' kellix kopja pero lejliet is-seduta dan ġie mgħoddi lix-xhud minn C D. Huwa qal li l-iktar klawżola importanti għalih hija l-fatt li fejn jidħlu*

deċiżjonijiet ta' importanza rigward is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri, dawn id-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod konġunt. Ix-xhud qal li l-iktar deċiżjoni importanti li saret kienet dik meta l-minuri ddaħħal l-iskola, pero f'dak iż-żmien huwa ma' kienx surmast u għalhekk ma' setax jikkonferma min kien ħa dik id-deċiżjoni. Id-digriet sabiex il-minuri seta' jiddaħħal fl-iskola kien ingħata lill-amministrazzjoni preċedenti tal-iskola. Ix-xhud ikkonferma li l-iskola ma' kelliex kuntatt mal-missier A B għajr il-mobile number tal-istess missier u qal li issa ser jibda jinforma liż-żewġ partijiet bl-attivitajiet u materji oħra. Huwa żied li fil-file tal-iskola m'hemm ebda informazzjoni li turi li l-missier ried li t-tifel jitlaq mill-iskola;

viii. Fis-Seduta ta' nhar it-2 ta' Diċembru 2013, xehed Bernard Grech, rappreżentant mill-Uffiċju tal-Passaporti. Huwa xehed li l-ewwel passaport li nħareġ f'isem il-minuri Eric kellu n-numru 0953860 fit-13 ta' Marzu 2010. Kien inħareġ passaport ieħor nhar il-5 ta' Ġunju 2012 permezz ta' digriet tal-Qorti li kien validu sas-26 ta' Lulju 2012. Wara rikors li sar fit-2013, il-passaport tal-minuri reġa nfetaħ u baqa' validu sad-29 ta' Lulju 2013. Huwa qal li f'dan il-każ, ma' kienx jeħtieġ li timtela' formola għal passaport ġdid, iżda jerġa jinfetaħ il-passaport preċedenti, diment li dan ikun għadu validu. Huwa żied jgħid ukoll li ġeneralment, sabiex jinħareġ passaport ikun hemm bżonn il-firem tal-omm u l-missier pero f'dan il-każ, inħareġ permezz tal-firma tal-omm minħabba l-fatt illi hija kienet ħadet digriet tal-Qorti sabiex jinħareġ il-passaport. Huwa qal li huwa impossibli li t-tifel ġie miżjud fil-passaport tal-omm minħabba l-fatt li din il-prassi kienet spiċċat fi żmien fejn il-minuri ma' kienx ġie mwieled. Fl-istess seduta, l-partijiet qablu illi jkun hemm bdil fl-aċċess għall-ġimgħatejn, minħabba l-fatt li l-minuri kellu jieħu sehem f'tournament tal-futbol;

ix. Fis-Seduta tal-21 ta' Mejju 2014, xehdu Connie Azzopardi rappreżentant tad-Direttur Ġenerali tal-VAT, Saviour Theuma, rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, Joseph Saliba, rappreżentant tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u

*t-Taħriġ kif ukoll John Micallef rappreżentant tal-Kummissarju għat-Taxxi Interni. L-esponenti tirrileva li f'din il-kawża m'hemm ebda pretensjoni jew talba fuq varjazzjoni ta' manteniment u konsegwentement kwalunkwe dokument relatat mal-introjtu u / jew benefiċċji tal-partijiet m'għandhom ebda rilevanza għall-istess mertu tat-talbiet;*

*x. Illi waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali Dr. Gabrielle Buttigieg xehed is-Surġent Kevin D PS1137 dwar inċident li seħħ fit-8 ta' Novembru 2013. Ix-xhud stqarr li l-Marixxalli talbu l-assistenza ħdejn St. Edwards College fejn sabu lill-missier A B ġo rokna fejn ma qal xejn u kien hemm ukoll l-intimata u l-minuri Eric. Jispjega li għall-ewwel il-Marixxalli bdew jippruvaw jipperswaduha biex tħalli lill-minuri jmur ma' missieru skond id-digriet pero' ma riditx u pruvat ukoll tintimida lill-istess Surġent billi qaltlu li kienet ser iċċempel lill-Avukat. Kien saħansitra ċempillu l-Kummissarju biex jara x'ġara. Kif it-tifel mar f'idejn il-missier kien seren u talab skuża lil missieru avolja ma kien għamel xejn ħażin.*

*xi. Ix-xhud WPC 123 Janet Cicala waqt l-istess seduta prattikament tikkonferma l-verżjoni li jagħti s-Surġent Kevin D;*

*xii. Il-Marixxali Mario Genius u John Micallef jikkonfermaw li kellhom ikunu huma li jieħdu lill-minuri mingħand ommhom biex jieħdu missieru. Il-Marixxal John Micallef isemmi episodju ieħor fejn l-intimata għamlitha diffiċli jekk mhux impossibbli biex il-missier jeżerċita d-dritt t'aċċess tiegħu b'dan li kwantu għall-episodju tad-29 ta' Mejju 2015 il-Marixxal John Micallef jgħid li peress li ma kienux jafu fejn hu t-tifel u ma setgħux jikkomunikaw mal-intimata, ma setgħu jagħmlu xejn;*

*xiii. Illi waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali preċedenti u ċioe' Dr. Gabrielle Buttigieg tas-17 ta' Frar 2016 xehdet is-Surġent Lorraine Grech WPS 100 fejn*

*esebiet 2 sets ta' rapporti li ġew immarkati bħala Dok. LG1 u LG2 u li huma r-rapporti kollha li saru mill-attur fil-konfront tal-intimata. Fis-seduta sussegwenti l-istess xhud preżentat Dok. LG3 li suppost kellu jinkludi l-updates fuq l-istess rapporti pero' l-esponenti tirrileva li tali dokument ma jiffurmax parti mill-proċess tal-Qorti li fih 11 -il Volum u għalhekk naturalment ma setgħetx tieħu konjizzjoni tal-istess dokument;*

*xiv. Permezz ta' affidavit (a fol. 1252 tal-proċess), Mario Genuis u M Aloui Pisani, stqarru li meta marru fl-indirizz mogħti sabiex jeżerċitaw id-digriet nhar it-23 ta' Awwissu 2016. Huma qalu li wara li ħabbtu diversi drabi, ma fetaħ ħadd. Wara ftit huma raw persuna wara t-tieqa li kellmithom biss wara li s-Surġent għajjtet lil din il-persuna u qaltilha li jekk mhix ser tiftaħ il-bieb ser jisgassawh. Din il-persuna qalet lil marixalli tal-Qorti li bintha C D kienet wasslet biex tiġi u ftit wara ġew C D u l-Avukat G Cuschieri li fetħu il-bieb u daħlu lill-marixxalli ġewwa. Il-marixxalli qalu li kemm C D, l-Avukat G Cuschieri kif ukoll M D ID Card X bdew jopponu milli huma jieħdu lill-minuri Eric magħhom u bdew ifixkluwhom fil-qadi ta' dmirijiethom. Skont ix-xhieda tagħhom, intqal ħafna diskors żejjed fil-konfront tas-Sinjorina Imħallef, kontra l-Qorti kif ukoll kontra d-digriet tal-Qorti. Huma stqarru li dan l-aġir ser jiġi rrapurtat lill-Qorti. Dr.G Cuschieri għamel diskors mhux floku fil-konfront ta' Dr.Sharon Mizzi u Dr.Rodianne Sciberras. Huma jgħidu ukoll li wara li talbu li l-minuri jingħadda lilhom, sabiex jagħtuh lill-missieru li kien barra jistenna, dawn bdew jirrifjutaw u l-minuri ma' biddilx fhemtu u baqa' jirrifjuta. Huma jgħidu li damu sagħtejn u nofs jitħabtu magħhom, pero dan kien għalxejn u għalhekk, talbu direzzjoni tal-Qorti. Il-Qorti, permezz ta' digriet datat għall-24 ta' Awwissu 2016 (a fol 1255) iddikjarat illi l-aġir ta' C D, M D u tal-Av. Dr.G Cuschieri jikkonstitwixxi disprezz lejn il-Qorti u ostakolu għall-eżekuzzjoni tal-Qorti. Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 70 u 1003A ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lir-Reġistratur*

*tal-Qorti jistitwixxi proċeduri ġudizzjajrji għal disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti kontra t-tlett persuni msemmija;*

*xv. Permezz ta' affidavit, WPS 304 Lorna Mifsud, (a fol 1327 tal-proċess), stqarret li nhar it-23 ta' Awwissu, il-Pulizija ġew infurmati li l-Marexxalli tal-Qorti qed jitolbu l-assistenza tal-pulizija sabiex jirrapurtaw fuq dak l-indirizz. Il-Pulizija tad-Distrett, marru minnufih ġewwa l-għassa ta' San Ġwann fejn kien hemm A B, l-Avukatessa tiegħu kif ukoll kien hemm żewġ marixalli ta' Malta u Għawdex. Hija qalet li kollha kemm huma marru 'Antheus', Triq l-Arznu, San Ġwann. Kien jidher ċar li kien hemm dawl tat-tieqa tar-residenza mixgħula, pero meta ġie mħabbat il-bieb, ma' fetaħ ħadd. Hija tgħid li nhar it-23 ta' Awwissu ukoll, żewġ marixxalli tal-Qorti, M Aloui Pisani u Mario Genuis, irrapurtaw fl-għassa kif ukoll għaddew digriet datat għat-23 ta' Awwissu 2016. Hija tgħid li għal-ħabta tas-2:00pm WPS304, PC 1221 & PC 824 marru fuq il-post indikat. Kemm il-Pulizija kif ukoll il-marixxalli ħabbtu il-bieb kemm il-darba u għall-bidu ma' wieġeb ħadd. Wara li l-Pulizija u l-Marixalli identifikaw ruħhom u spjegaw li għandhom digriet bil-Qorti li jekk ma' jinfetaħx il-bieb ser jiġi sgassat il-bieb tar-residenza. Il-Pulizija tgħid li wieġbet mara li qalet li hija omm C D u qalet li mhux ser tiftaħ il-bieb għax kienet waħedha u bdiet tibża. Hija qalet li C kienet fit-triq u ġejja d-dar. Il-Pulizija qalet li C D waslet ftit wara flimkien mal-Av. G Cuschieri li ngħata kopja tad-digriet mill-Marixalli. C D qalet li t-tifel qiegħed fir-residenza, madankollu ma' fetħitx ir-residenza mal-ewwel. Wara ftit, fetħet ir-residenza u ġiet mitluba li ssejjaħ lit-tifel. Fir-residenza kien hemm nies oħrajn. It-tifel kien qiegħed f'walk in wardrobe u ġie mitkellem fil-presenza t'ommu. Ġie spjegat lil minuri Eric li huwa kellu jmur ma' missieru b'ordni tal-Qorti, pero t-tifel irrifjuta li jmur u beda jibki u jgħid li ma' xtaqx li jmur ma' missieru. WPS304 tgħid li saru diversi tentattivi fejn it-tifel u C ġew mitkellma sabiex huma jobdu id-digriet tal-Qorti, pero dan irriżulta fin-negattiv. Wieħed mill-Marixalli, Mr.Genuis, tkellem mad-direttur Emanuel Schriha li qallu li t-tifel ma' jistax*

*jittieħed bil-forza. Il-Marixalli spjegaw lil C u l-Avukat li kien ser ikollom jagħmlu rapport rigward dan l-akkadut. Is-Sur B ġie spjegat is-sitwazzjoni.*

*xvi. Waqt seduta datata s-26 ta' Frar 2020 quddiem il-Perit Legali esponenti xehdu s-segwenti:*

***G James Wattson** li bħala l-Head tal-Middle-School ta' St. Edward's College ikkonferma li l-minuri Eric kien student tal-istess skola bejn is-sena 2009 u s-sena 2014 u li jafu sew. Jesebixxi **Dok. WJW1** li juri l-abilitajiet akkademiċi tal-minuri u **Dok. WJW2** li juri l-miżati li ġew imħallsa mill-intimata. Jiddikjara wkoll li jaf lill-intimata sew imma li ma jafx lill-attur għaliex rah darba biss meta mar l-iskola u poġġa lill-minuri f'ħafna pressure f'episodju spjaċevoli li jiddiskrivi bħala wieħed li ma kienx hemm bżonnu u li ġara fis-sena 2012 jew 2013. Jirrakkonta kif l-attur mar l-iskola għall-minuri u dan tal-aħħar ma riedx imur u li dan id-diżgwid dam xi sagħtejn. Jgħid li sa' fejn jiftakar kien hemm il-Pulizija preżenti u li kien jaf li kien hemm digriet t'aċċess favur il-missier għal ibnu. Jikkonferma li l-intimata kienet għalliema fl-istess skola għal madwar 5 snin u li dan kien l-uniku episodju li qatt ġara pero' jikkonferma li s-sitwazzjoni kienet kalma.*

*xvii. **Xehdet Janet Cicala RPC 3141 li preżentat** batch ta' dokumenti li huma rapporti li saru minn C D għas-snin 2008 (**Dok JC1**), 2009 (**Dok JC2**), 2010 (**Dok JC3**), 2011 (**Dok JC4**), 2012 (**Dok JC5**), 2013 (**Dok JC6**), 2014 (**Dok JC7**), 2015 (**Dok JC8**), 2016 (**Dok JC9**), 2017 (**Dok JC10**), 2018 (**Dok JC11**), 2019 (**Dok JC12**). Ix-xhud tgħid li kienet stazzjonata l-għassa ta' Bormla u tiftakar każ fejn ġew il-marixxalli tal-Qorti għall-buon ordni u s-surġent PS1137 Kevin D u marru jakkumpanjawhom St. Edwards. Taf li t-tifel kellu jkun mal-missier u tiftakar li l-omm u t-tifel bdew jibku. It-tifel mar ma' missieru mbagħad.*

*Tiddikjara li ma taf xejn dwar reazzjonijiet pero' ma rat ebda reżistenza u tiddikjara li dan kollu dam xi 10 minuti 15 minuta b'kollox.*

*xviii.* ***Xehdet Roberta Zammit Briffa*** *in rappreżentanza ta' Registrar Chiswick House School u St. Martin's College li kkonfermat li l-minuri Eric hu student tal-istess imsemmija skola. Esebiet* **Dok RZB1** *li hi l-applikazzjoni relattiva għall-istess minuri (li turi meta beda St. Martin's College. Qabel kien Chiswick House School kif jirriżulta minn* **Dok RZB2**. *Tiddikjara li l-missier hu indikat bħala 'guardian' bl-isem ta' H I li hu l-partner ta' C D u għalhekk tali applikazzjoni ma ġietx aċċettata mill-istess skola għaliex indunaw li l-missier mhux H I. L-applikazzjoni sussegwentement ġiet emendata (***Dok RZB1)** *li hi mimlija biss minn C D u din ġiet aċċettata abbażi ta' rikors u sussegwentament digriet datat 2/7/16. Tiddikjara wkoll li qabel ma raw iċ-ċertifikat tal-missier, C D ma tat ebda informazzjoni fuq il-missier. L-ewwel applikazzjoni u ċioe'* **Dok RZB2** *kienet mingħajr firma ta' A B. Pero' żżid tgħid li kien hemm nota konġuntiva li fiha l-avukati tal-partijiet ftehmu li t-tifel jista' jmur minn St. Edward's għal St. Martin's College. In-nota m'għandhiex data.*

*Xviv.* ***Xehed Patrick Padovani****, il-Headmaster ta' St. Martin's College u in rappreżentanza tal-istess St. Martin's College jikkonferma li l-minuri student tagħhom u jesebixxi r-riżultati tal-istess minuri bħala* **Dok PP1** *u* **Dok PP2** *li huma relatatai mal-fees u ħlasijiet. Lill-attur jekk iltqajt miegħu kien darba jew darbtejn. Jgħid li kien hemm episodju fejn l-attur ma ġabarx lit-tifel wara l-iskola biex jieħdu l-football iżda ċemplulu w ġie. Jikkonferma li jaf li hemm digriet li l-missier jiġbor lit-tifel mill-iskola iżda jgħid li ma jafx x'jiġri peress li ma jkunx mal-bieb.*

xix. Illi ġiet esebita wkoll kopja tas-sentenza mogħtija nhar is-27 ta' Marzu 2020 mill-Qorti Kostituzzjonali (77/16 JZM) fl-ismijiet C D vs l-Avukat Ġenerali et[22] fejn il-lanjanzi tal-intimata C D ġew miċħuda kemm mill-Ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell bl-ispejjeż kontra l-istess intimata C D.

8. Illi f'dan l-istadju l-esponenti ser tittenta telenku n-numru esaġerat ta' rikorsi li ġew intavolati fil-kawża odjerna li l-mertu tagħha jibqa' wieħed sempliċi t'aċċess għal missier li spiċċa f'sitwazzjoni fejn l-aċċess tiegħu kif regolat b'kuntratt ta' separazzjoni ġie fix-xejn hekk kif l-intimata ġiet awtorizzata tirriloka ruħha lejn Malta u tibdel l-iskola tal-minuri bil-konsegwenzi kollha li ġabet magħha tali deċiżjoni u bir-riperkussjonijiet kollha li ġabet magħha l-pika esaġerata u l-attitudni ta' mara li riedet akkost ta' kollox iċċaħħad lill-missier minn ibnu:

I. Permezz ta' rikors mressaq mill-intimata nhar l-24 ta' Mejju 2013, C D ressqet rikors b'urġenza fejn għamlet talba sabiex il-minuri Eric ikun jista' jsiefer magħha bejn il-21 ta' Lulju u l-25 ta' Lulju 2013. Il-Qorti laqgħet din it-talba b'dan li ġie ordnat li l-passaport tal-minuri jkun ristrett għar-Renju Unit u għad-dati msemmija minnha fir-rikors;

II. A B ressaq rikors b'urġenza nhar is-26 ta' Ġunju 2013 fejn għamel is-segwenti talbiet:

i. Illi minħabba l-fatt li l-Qorti kienet laqgħet it-talba tal-intimata u b'digriet tat-23 ta' Lulju 2009 biddlet il-modalitajiet tal-aċċess minħabba l-fatt li l-minuri beda jattendi l-iskola St.Edward's College ġewwa Malta. Riżultat tal-bidla fil-modalitajiet tal-aċċess, huwa beda jara lil minuri ħafna inqas minn li

[22] Esebita a fol 2114 tal-proċess

*kien jara lil ibnu minuri qabel. Dik il-Qorti ma' kinitx daħlet fil-mertu ta' x'jiġri fil-vaganzi tas-sajf, milied u festi pubbliċi u meta l-minuri ma' jkollux skola u għalhekk l-intimata qiegħda tieħu deċiżjonijiet unilaterali dwar dak li għandu x'jaqsam m'aċċess f'dawk il-perjodi;*

*ii. Illi l-familja tal-intimata tgħix ġewwa Għawdex u fil-weekends l-intimata tkun Għawdex fix-Xitwa filqat li fis-Sajf tqatta ħafna ħin fil-gżira Għawdxijja tant li għandha propjeta' fix-Xewkija. L-esponent jixtieq jara iktar lill-minuri ibnu Eric, filwaqt li jgħid li l-minuri Eric qiegħed jitlaq imbikkem mingħand missieru meta jasal tmiem l-aċċess.Huwa jixtieq li fil-vaganzi tas-sajf, il-ħin tal-aċċess versu ibnu Eric jiżdied mill-ħamsa ta' wara nofsinhar tal-Ġimgħa filgħaxija sal-ħamsa ta' wara nofsinhar tat-Tnejn filgħaxija;*

*Fir-Risposta li tressqet minn C D nhar it-3 ta' Lulju 2013, hija qalet li:*

*(a) Topponi għat-talbiet ta' A B dan għaliex hemm digriet tal-qorti kif ukoll kuntratt bejn iż-żewġ partijiet in kwistjoni. Fl-istess waqt, C D tgħid li l-minuri mhux qiegħed ikun feliċi ma' missieru u l-minuri kien jitħalla ma' persuni terzi fil-waqt li huwa kien imur jiddeverti, tant li l-istess esponenti kellha tirrikorri għall-għajnuna mingħand id-Dipartiment tal-Ħarsien Soċjali. Fl-istess waqt, ir-rikorrenti kien jieħu lil minuri tard għand ommu, tant li spiċċa tilef party ta' ħabib tal-qalb tiegħu u sforz ta' dan il-minuri għamel żewġ weekends fejn irrifjuta li jmur għand missieru għall-aċċess;*

*(b) Li dan il-każ kien segwit ukoll mis-Social Worker Peter Paul Portelli u li l-Qorti għandha tisma' l-istess social worker. Il-Minuri diġa għandu impenji ta' swimming lessons fil-pixxina nazzjonali u diġa tħallset il-miżata ta' sħubijja filwaqt li l-missier ikun xogħol mit-Tnejn sas-Sibt filwaqt li fil-weekend joħroġ sas-siegħat bikrin ta' filgħodu u mhux fl-interess tal-minuri li jqatta ħin mal-girlfriend ta' missieru jew man-nanna paterna. L-intimata tgħid ukoll illi t-tifel*

*imdorri f'rutina u huwa ħbieb ma' ħamest'itfal oħra u dawn il-ħbieb qishom ħutu, filwaqt li l-minuri jiġi ddelegat lil terza persuna li ma tiġix mill-minuri u jidher li m'hemmx relazzjoni tajba bejniethom.*

*Permezz ta' Digriet datat it-3 t'Awwissu 2013, din l-Onorabbli Qorti, wara li rat ukoll ir-rapport ta' Dr. Tanya Sammut Catania, ddeċidiet li l-aċċess tal-missier għandu jkun bil-mod segwenti:*

*Fix-Xitwa l-aċċess għandu jibqa' b'mod alternattiv mill-Ġimgħa fil-5:00p.m. sas-Sibt fil-5:00p.m. jew mis-Sibt fil-11.00p.m. sal-Ħadd fis-5:00p.m filwaqt li fix-xhur tas-Sajf ikun hemm żieda fl-aċċess tal-Missier fis-sajf; bejn il-Ġimgħa fis-6:00p.m. sal-Ħadd fis-6:00p.m. L-intimata ġiet ordnata wkoll tieħu lit-tifel Għawdwx meta jibda l-aċċess u tniżżlu Malta meta jispiċċa l-aċċess b'dan li l-missier għandu jiġbor u jirritorna t-tifel fid-dar tal-omm ix-Xewkija Għawdex.*

III. *A B ressaq rikors nhar is-3 ta' Ġunju 2013 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tawtorizza safra mal-minuri fil-vaganzi tal-Milied u ċioe' bejn is-27 ta' Diċembru 2013 u l-4 ta' Jannar 2014 ġewwa Disneyland f'Pariġi. Huwa jgħid li kien diġa avża lil C D b'dan, pero' opponiet u kien proprju għalhekk li ressaq tali talba lill-Onorabbli Qorti sabiex taċċetta t-talba tiegħu bil-għan li jkun jista' jixtri l-biljetti tal-ajru, japplika għall-passaport tal-minuri Eric u tordna lill-uffiċjali nkarigati mill-ħruġ tal-passaporti sabiex joħorġu passaport f'isem il-minuri Eric u jgħadduh lil A B. Fir-Risposta tagħha, C D qalet illi hija topponi t-talba ta' A B minħabba l-fatt li l-minuri kien se jqatta l-vaganzi kollha tal-Milied mal-missier u b'hekk it-tifel se jkun mċaħħad minn ommu tul il-Milied li huwa żmien għażiż għall-iben u għall-omm. Hija tgħid ukoll li ma' ġiex ippreżentat itinerary sabiex tingħata stampa ċara tal-ispejjeż, fid-dawl tal-fatt li C D, tgħid illi r-rikorrent għandu jagħti xi flus tal-manteniment u spejjeż oħra*

*lilha li għadu ma' ħallasx. Żiedet tgħid illi llum l-ġurnata l-minuri għandu l-avukat tiegħu u hija għandha tiġi notifikata b'dan kollu. Il-Qorti permezz ta' digriet ippreżentat nhar is-6 ta' Awwissu 2013 ordnat lir-rikorrent sabiex jesebixxi itinerarju. Dan l-itenarju ġie preżentat minn A B nhar id-9 ta' Awwissu 2013. Permezz ta' digriet datat għall-14 ta' Awwissu 2014, il-Qorti laqgħet it-talbiet ta' A B u ippermettiet li jinħareġ passaport temporanju li jkun ristrett għal Franza u għad-dati mis-27 ta' Diċembru 2013 sal-4 ta' Jannar 2014;*

IV. *Permezz ta' rikors ieħor datat is-16 ta' Lulju 2013 C D talbet li l-aċċess tal-intimat għall-minuri tad-19 ta' Lulju sas-Sibt 20 ta' Lulju 2013 jitħassar. Mill-atti ma jirriżultax li hemm Digriet finali fuq dan ir-rikors;*

V. *C D ressqet rikors nhar it-13 ta' Awwissu 2013 fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka id-digriet tagħha contrario imperio sabiex l-aċċess imur lura għal dak li kien qabel inħareġ id-digriet. Dan minħabba l-fatt li kien hemm terzi persuni li mhumiex parti mill-familja preżenti waqt il-ħin tal-aċċess. C D tgħid ukoll illi l-esperjenza tat-tifel kienet waħda kerha ħafna, tant li ħassu trawmatizzat minħabba l-fatt li huwa għamel ħin twil mingħajr ommu u fetaħ qalbu mal-avukata ta' tfal u qalila li xtaq jibqa kif kien. C D tgħid ukoll illi l-missier ma' jridx jottempro ruħu mad-digriet u il-minuri assolutament ma hux komdu b'din is-sitwazzjoni. A B fir-risposta ċaħad l-allegazzjonijiet kollha li saru minn C D. A B jżid jgħid li C D injorat id-digriet tal-Qorti u ma' tagħtx l-aċċess lir-rikorrent versu ibnu u minħabba f'hekk ressaq diversi rapporti lill-pulizija u huma għamlu kuntatt mal-intimata rigward dan. Huwa jgħid li dejjem mexa mad-digriet tal-Qorti u qatt ma' kiser tali digriet u jgħid li minkejja dan, l-intimata ħadet il-liġi b'idejha u rrifjutat li tagħti l-aċċess. A B jgħid li l-minuri Eric ilu jaf lis-sieħba tiegħu għal iktar minn ħames snin u qatt ma' wera li*

*jiddejjaq. Fir-risposta, A B juri t-tħassib tiegħu fid-dawl tal-fatt illi l-intimata taf x'jintqal bejn l-avukat tat-tfal u l-minuri, minħabba l-fatt li dan ir-rapport huwa ssiġillat b'ordni tal-Onorabbli Qorti. A B jgħid ukoll li huwa ilu ma' jara lil ibnu għal tlett ġimgħat. Fid-digriet tagħha, maħruġ nhar is-17 ta' Settembru 2013, il-Qorti ċaħdet it-talba ta' C D;*

VI. *A B ressaq rikors nhar l-20 ta' Awwissu 2013 fejn talab li meta ibnu Eric ikun għall-aċċess miegħu, ma' jkun hemm ebda tip ta' impediment li N O u bintha ikunu preżenti. Huwa qal li m'hemm ebda raġuni għaliex N O u bintha m'għandomx ikunu preżenti, dan għaliex N O hija persuna affidabli mat-tfal. A B preżenta Dok.A sabiex jesponi s-sentenza ta' annullament taż-żwieġ bejn iż-żewġ partijiet. A B talab ukoll sabiex jinbidel il-ħin fuq id-digriet li f'dak il-mument kien jimmarka 11:00am. Fir-risposta tagħha, C D staqrret illi l-Onorabbli Qorti diġa kienet iddeċidiet rigward dak li kien qiegħed jitlob ir-rikorrent. D qalet ukoll li B xorta ta kif għamel, u minkejja li l-ordni tal-Qorti kienet li jara lil ibnu minuri Eric waħdu, mingħajr il-preżenza ta' terzi, A xorta ta kif għamel sabiex ikun hemm terzi preżenti. Hija tgħid li l-minuri, assolutament ma' jixtieqx li jara lil missieru ma' persuna oħra u hu għandu bżonn biss attenzjoni paterna. Hija tgħid li kienet urtata bil-fatt li A B kien iħallas l-manteniment u spejjeż oħra dovuti wara l-intervent tal-pulizija u kawża kriminali. Hija talbet sabiex it-talba ta' B ma tkunx aċċettata. Il-Qorti, laqgħet it-tieni talba ta' B pero rrifjutat l-ewwel talba;*

VII. *A B ressaq rikors b'urġenza nhar it-28 ta' Awwissu 2013 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jiġi eżegwit id-digriet tal-3 ta' Awwissu 2013 u jekk ikun hemm il-bżonn, bl-assistenza tal-Pulizija u marixalli tal-Qorti kif ukoll li takkorda din it-talba mingħajr notifika għaliex huwa diffiċli ħafna li l-intimata tiġi notifikata u kull dewmien kien ser iservi sabiex l-effetti*

tad-digriet jiġu sorpassati. Il-Qorti ħarġet digriet nhar it-30 ta' Awwissu 2013 fejn ordnat in-notifika ta' C D u tat erbgħa u għoxrin siegħa żmien għar-risposta. C D, fir-risposta tagħha qalet li Eric B naqas milli jesponi kif huwa naqas mill jonora l-kundizzjonijiet tal-Qorti meta qalet li illi ma jkunx hemm terzi preżenti meta huwa jara lil ibnu. Hija tgħid li l-minuri Eric kien jilmenta ma' kulħadd rigward il-presenza ta' N O u P Q. Hija żżid li minħabba dan il-fatt, kien hemm trawma kkawżata fil-minuri Eric u infatti hija kella tibgħat u tieħu lit-tifel għand psikologu rigward dan. Il-minuri Eric kien diġa għamel stqarrija mas-Social Worker Peter Paul Portelli li huwa ma riedx li jkollu x'jaqsam ma' N u P u ried li jkollu undivided attention minn missieru. Il-Qorti laqgħet it-talba tal-missier li jkollu aċċess għall-minuri waġdu u mhux fil-presenża ta' N O jew P Q. Fir-risposta tagħha, C D qalet li t-talbiet tar-rikorrenti huma nebulużi għaliex mhux ċar taħt liem liġi jaqgħu. Hija qalet li ir-rikorrenti A B naqas milli jobdi l-ordni tal-Qorti rigward l-aċċess. C D qalet ukoll li tul il-ġimgħat ta' qabel il-minuri Eric kien dejjem jisħaq li ma' kienx jittollera l-preżenza tal-partner ta' missieru u tat-tifla tagħha. D tisħaq illi B naqas milli jobdi l-ordni tal-Qorti għaliex dawn huma l-uniċi żewġ min-nies li kienu qegħdin fil-preżenza tal-minuri Eric. Minħabba dan il-fatt, il-minuri Eric għadda minn tramwa sħiħa quddiem l-avukat tat-tfal, quddiem ommu u missieru u anke quddiem is-social worker Peter Paul. L-esponenti tgħid ukoll illi hija kellha tibgħat lill-minuri Eric għand psikologu u hija stess ġabet ir-rapport a konjizzjoni tal-Qorti pero li fuqu għad m'hemm ebda digriet. Hija tisħaq li l-minuri Eric diġa għamel dikjarazzjonijiet uqddiem is-social worker Peter Paul kif ukoll s-Surġent Jason Spiteri li huwa ma' jridx xi jkollu x'jaqsam ma' N u P u t-tifel xtaq li jkollu undivided attention ta' missieru. Dawn l-affarjiet, il-minuri Eric diġa stqarrom ma' missieru fil-preżenza tal-istess Social Worker u Surġent. C D, tgħid li dakinhar tal-istqarrija, dan seħħ, pero l-missier xorta waħda baqa' jappella ma' ibnu

*sabiex imur miegħu, pero dan xorta waħda baqa' jirrifjuta li jmur ma' missieru. Hija ċaħdet kull allegazzjoni li mhix tħalli lill-*minuri Eric *jiltaqa' ma' missieru. Il-Qorti, permezz ta' digriet datat għat-13 ta' Settembru 2013, laqgħet l-ewwel talba ta' A B pero' ordnat li l-aċċess tiegħu għall-minuri jkun waħdu u mhux fil-preżenza tal-partner tiegħu u/jew it-tifla tagħha;*

VIII. *Nhar l-10 ta' Settembru 2013, C D* ressqet rikors *fejn saħqet illi minkejja li l-*attur *jaf bil-fatt illi l-Qorti ikkondizzjonat il-fatt li waqt l-aċċess ma' jkunx hemm terzi persuni, huwa xorta waħda espona lil minuri Eric għas-sieħba tiegħu u t-tifla tagħha. Hija qalet ukoll illi r-*rikors li intavola l-attur *rigward il-fatt li A B* xtaq *li jsiefer flimkien mat-tifel tiegħu, f'liema safra kien ser ikun hemm is-sieħba tal-*attur *kif ukoll it-tifla tagħha, li jmur* kontra d-digriet tal-Qorti. *C D* qalet ukoll illi *kawża ta' trawma li għadda minna l-minuri Eric, hija kella tieħdu għand* psikoloġista professjonali *li ħejja rapport li ġie anness mar-*rikors. *L-esponenti, tgħid li f'dan ir-*rapport *hemm imniżżel illi waqt l-aċċess, il-*minuri irid igawdi *lil missieru filwaqt li ma' jridx ikun fil-presenza ta' terzi persuni. C D,* talbet li jkun *hemm revoka contrario imperio tad-digriet li ħarġet il-Qorti rigward l-*awtorizzazjoni *tal-ħruġ tal-*passaport u safar *tal-*minuri *minħabba l-fatt li* fl-istess safra ser ikun hemm is-*sieħba tal-*missier kif ukoll it-*tifla tagħha.* Fir-risposta, *A B jisħaq li din hija t-tieni darba illi C D ressqet l-istess* talba sabiex l-*esponent ma' jkunx jista' jsiefer mal-*minuri Eric *fil-vaganzi tal-Milied. Huwa ċaħad l-allegazzjonijiet kollha li għamlet C D fir-rikors tagħha. Huwa żied li l-*intimata kontinawment *qiegħda tisfida l-*Awtorita *tal-Qorti kif ukoll, qiegħda tinjora d-*digriet *tal-Qorti data għat-3 ta' Awwissu 2013 li ngħata wara rakkomandazzjoni tal-*Avukat tat-Tfal. *Huwa żied li xorta waħda baqa' ma ngħatax aċċess għal ibnu mill-*intimata *salv weekend wieħed biss u ta' dan hemm diversi rapporti lill-pulizija. A B*

*stqarr li l-atteġjament pikuż tal-intimata mhuwiex ta' ġid u fl-aħjar interess tal-minuri Eric. Huwa stqarr ukoll illi minħabba l-fatt li l-kura u kustodja tal-minuri hija waħda konġunta, huwa kellu jiġi ikkonsultat bil-fatt li C D kienet ser tirrikorri għal għajnuna professjonali u mhux sempliċiment ittieħdet deċiżjoni unilaterali. L-attur, qal ukoll illi r-rapport huwa bbażat fuq dak li qalet C D u l-minuri Eric wara li ġie influwenzat minn ommu. A B, jinnota ukoll kif C D tagħmel referenza għal dak li intqal bejn il-minuri Eric u l-Avukat tat-Tfal, meta l-istess informazzjoni hija ssiġillata. Permezz ta' digriet datat għall-nhar it-28 ta' Ottubru 2013, il-Qorti ċaħdet it-talba ta' C D;*

IX. *Permezz ta' digriet datat għall-11 ta' Novembru 2013, il-Qorti laqgħet it-talba ta' A B sabiex jiġbor lil ibnu Eric fis-1:00p.m. minn St Edward's College flimkien mal-Marixxalli tal-Qorti u l-Pulizija. Il-Qorti qalet li dakinhar stess, wara l-funeral, A B jaqbad il-vapur ma' ibnu Eric u jirritorna lill-minuri fid-dar residenzjali ta' ommu;*

X. *Fis-Seduta ta' nhar id-19 ta' Novembru 2013, iż-żewġ partijiet qablu illi l-missier seta jiġbor lil minuri Eric nhar ta' Ġimgħa meta tispiċċa l-iskola u jirritornah lil omm is-Sibt fis-7:00p.m. Huma qablu ukoll li darba kull erbgħa ġimgħat, il-missier jirritorna lil minuri Eric għand ommu il-Ħadd fit-8.00am. A B obbliga ruħu li jqatta 3 siegħat fil-kumpanijja tat-tifel b'mod esklussiv. C D ma' oġġezzjonatx għat-talba tal-missier li jiġbor lil minuri fit-8.00p.m. nhar is-26 ta' Diċembru 2013, filwaqt li mar-ritorn mis-safra, il-missier kellu jirritorna lit-tifel għand l-omm fl-4 ta' Jannar. Waqt is-safra, il-missier jobliga ruħu li jħalli lill-minuri ikellem lil ommu fuq il-mobile tal-inqas darba kuljum. Il-partijiet qablu li lejliet il-Milied, il-missier għandu jiġbor lit-tifel fl-4:00pm u jirritornah mhux iktar tard mill-5:10pm;*

XI. *Permezz ta' rikors datat it-8 ta' Jannar 2014 A B talab l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex ikun jista' jiġbor lill-minuri nhar id-19 ta' Jannar 2014 mir-residenza tal-omm u jattendi għal festin ta' kuġinuh R S min-12.00pm sal-4.30pm meta l-minuri jirritorna għand l-omm, talab li jkun hemm ġranet u ħinijiet fissi meta jkun jista' jċempel lill-minuri Eric matul il-ġimgħa u konsegwentement tordna lill-intimata sabiex tħalli t-telephone ċellulari tagħha mixgħul u tirrispondi lill-istess missier f'tali ġranet u ħinijiet hekk stabbiliti. Permezz tar-risposta tagħha datata t-13 ta' Jannar 2014 l-intimata C D, filwaqt li tiċħad l-allegazzjonijiet magħmula tikkontendi li m'għandha ebda oġġezzjoni li l-minuri jattendi għal tali festin iżda l-ħin għandu jkun sat-3.30pm u offriet ukoll li tkun hi li tiġbor lill-minuri mill-post tal-festin fit-3.00pm. Permezz ta' digriet datat l-14 ta' Jannar 2014 il-Qorti laqgħet l-ewwel talba kif dedotta u rriservat li tipprovdi ulterjurment dwar it-talbiet l-oħra fl-istadju opportun;*

XII. *Permezz ta' rikors li ressqet C D nhar it-22 ta' Jannar 2014, talbet lil din l-Onorabbli Qorti tagħti l-awtorizzazjoni li hija ssiefer flimkien ma' binha Eric B ġewwa Londra bejn is-27 ta' Frar u l-4 ta' Marzu 2014. Illi hija tapplika waħedha għall-Passaport tal-minuri, kif ukoll li l-Qorti tordna l-ħruġ tal-Passaport lil Uffiċjal Inkarigat fl-Uffiċju tal-Passaporti. Fir-rikors, hija stqarret li ressqet din it-talba minħabba l-fatt li kien hemm nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' A B. Fir-risposta datata għas-6 ta' Frar 2014, A B ċaħad l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' kooperazzjoni. Huwa talab li jingħata s-segwenti assikurazzjonijiet; li l-passaport ikun limitat għal ċertu żmien, li l-intimata tgħaddi kull informazzjoni rigward il-vaganza, li huwa jingħata numru fejn ikun jista' jagħmel kuntatt ma' Eric. Huwa talab ukoll li jara lil ibnu għall-weekend sħiħ qabel is-safra u fil-ġimgħa ta' wara s-safra minħabba li permezz tas-safra, A B kien ser*

*jitnaqqaslu l-ħin tal-aċċess mal-*minuri Eric. *Huwa talab ukoll li jara lil ibnu Eric f'għeluq sninu. Il-Qorti permezz ta' digriet datat għad-9 ta' Frar 2014 ordnat lil C D sabiex tforni d-dettalji kollha rigward il-vaganza, tgħaddi numru tat-*telefown *fejn il-missier ikun jista' jagħmel kuntatt ma' ibnu kif ukoll jekk hux lesta li tilqa t-talba għal aċċess magħmula mill-missier. Il-Qorti laqgħet it-talba ta' C D kif ukoll laqgħet it-*talbiet li ressaq A B *fir-risposta;*

XIII. *Permezz ta' rikors datat għat-3 ta' April 2014,* A B, ressaq talba sabiex *il-minuri ikun miegħu mill-11 ta' April 2014 sa nhar id-19 ta' April 2014 kif* ukoll li jkun mal-istess minuri nhar *l-20 ta' April 2014 min-*nofsinhar *sas-sebgħa ta' filgħaxija. Fir-*risposta, *datata t-8 t'April 2014,* C D *qalet li* A B *jaħdem mit-*Tnejn *sal-Ġimgħa mit-8:00am sas-6:00pm u għalhekk huwa mhux ser igawdi lil ibnu waqt li jkun qiegħed ix-xogħol filwaqt li ser tkun diffiċli li jottempra ruħu mad-digriet mogħti mill-*Qorti *nhar id-19 ta' Novembru 2013. Hija pproponiet modalitajiet differenti għall-aċċess filwaqt li stqarret li A B ser ikun qiegħed iqatta ukoll l-ġranet allokati permezz tad-digriet tad-19 ta' Novembru 2013. Hija żiedet tgħid ukoll li jekk jiġu aċċettati t-*talbiet *tar-rikorrent, il-minuri ser iqatta' kemm il-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll Ħadd il-Għid mar-rikorrenti. Hija tgħid ukoll li permezz tal-ħinijiet li ppropona A B, ir-rikorrent ser iqatta' ħafna iżjed ħin* mal-minuri milli C D. *Permezz ta' digriet datat għad-9 ta' April 2014, laqgħet l-*ewwel talba *tar-rikorrent filwaqt li ċaħdet it-*tieni talba;

XIV. *Permezz ta' rikors datat għat-2 ta' Mejju 2014, A B, ressaq żewġ talbiet quddiem l-Qorti, b'dawn ikunu illi l-Qorti żżid l-aċċess tal-missier fir-*rigward tal-minuri Eric li jibda *mill-Ġimgħa u jispiċċa l-Ħadd fis-sitta ta' filgħaxija, filwaqt li fil-każ illi l-minuri ma' jkollux skola nhar ta' Ġimgħa, l-aċċess jibda fl-aħħar jum tal-*iskola. *Fir-*risposta *datata l-20 ta' Mejju*

*2014, C D stqarret li l-ftehim rigward l-aċċess preżenti kien ġie fis-seħħ minħbba l-football tournaments li l-minuri kien ikollu jattendi kull nhar ta' Ħadd. Hija tgħid li l-aċċess kien diġa estiż permezz ta' digriet li kien ingħata nhar id-19 ta' Novembru 2013. Hija stqarret ukoll kif ir-rikorrent ma' kienx qiegħed jerfa l-piż finanzjarju ta' attivitajiet extra-kurrikulari. C D eżebiet recordings li juru kif il-minuri ma' jkunx kuntent mal-missier, A B. Hija qalet ukoll li t-talba li l-minuri jqatta' l-weekends mal-missier hija waħda egoista minħabba l-fatt li l-minuri ikollu tournaments tal-football f'Malta kif ukoll minħabba l-fatt li l-minuri jagħmel il-homework nhar ta' Ħadd taħt is-superviżjoni tal-omm. Hija staqrret ukoll li darbtejn f'xahar ir-rikorrenti jibda jeżerċita d-dritt tal-aċċess qabel it-3.30pm. Hija qalet ukoll li jkun fl-aħjar interess tal-minuri li din it-talba tiġi miċħuda. Permezz ta' digriet tal-Qorti datat għat-2 ta' Mejju 2014 il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent minħabba r-raġunijiet msemmija fir-risposta tal-intimata;*

XV. *Permezz ta' rikors datat għat-22 ta' Mejju 2014, A B ressaq tlett talbiet, b'dawn it-talbiet ikunu li l-Qorti tawtorizza li jinħareġ passaport sabiex il-minuri Eric isiefer miegħu bejn l-4 ta' Awwissu 2014 u l-10 ta' Awwissu 2014, li tawtorizzah li japplika għall-ħruġ tal-passaport waħdu, kif ukoll li tordna lil uffiċjal inkarigat mill-ħruġ tal-passaporti sabiex joħroġ il-passaport u jgħaddieh lil A B. C D, fir-risposta tagħha datata għall-4 ta' Ġunju 2014, ikkonfermat li l-passaport tal-minuri jinsab fil-pussess tagħha. Hija qalet li ma ssib l-ebda oġġezzjoni rigward s-safra, pero xtaqet li jkun hemm kjarifiki u aktar informazzjoni rigward l-itenarju tal-vaganza kif ukoll dwar min ser ikun hemm preżenti. C D, stqarret ukoll illi r-rikorrent naqas milli jonora d-digriet maħruġ mill-Qorti nhar id-19 ta' Novembru 2013 minħabba l-fatt illi naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu li jħalli lil minuri jitkellem ma' ommu fuq il-mobile. C D talbet sabiex l-*

*aċċess versu il-minuri Eric bejn il-Ġimgħa l-1 ta' Awwissu u l-Ħadd 3 ta' Awwissu 2014 jiġi sospiż. Il-Qorti, permezz ta' digriet maħruġ fis-7 ta' Ġunju 2014 laqgħet it-talbiet ta' A B kif ukoll il-kontro-talbiet ta' C D;*

XVI. *Illi permezz ta' rikors datat id-29 ta' Mejju 2014 l-intimata C D talbet li l-aċċess tal-missier versu l-minuri nhar is-Sibt 21 ta' Ġunju 2014 bejn id-9.00am u s-7.00pm jiġi sospiż. Permezz tar-risposta tiegħu A B m'oġġezzjonax għat-talba fuq il-kondizzjoni li jingħata aċċess kumpensatarju kif elenkat fl-istess risposta. Il-Qorti permezz ta' Digriet datat il-11 ta' Ġunju 2014 rriservat li tipprovdi fi stadju ulterjuri;*

XVII. *Fis-Seduta tat-3 ta' Ġunju 2014, Dr. Sharon Mizzi Deguara u Dr. Rodianne Caruana għall-attur talbu lill-Qorti sabiex id-digriet datat għat-3 ta' Awwissu 2013 japplika għas-Sajf tal-2014. Il-Qorti ordnat illi meta l-minuri jispiċċa l-iskola, il-Missier ikollu aċċess għalih mis-6:00p.m. sal-Ħadd fis-6:00p.m;*

XVIII. *Permezz ta' rikors datat għat-3 ta' Settembru 2014, C D ressqet tlett talbiet, b'dawn it-talbiet ikunu s-segwenti; Illi l-Qorti tisma lill-minuri Eric fir-rigward tax-xewqat tiegħu li jibda jattendi c-Chiswick House School, li tisma d-dirġenti tac- Chiswick House School kif ukoll li tawtorizza lil C D li twaqqf lit-tifel milli jattendi is-St. Edward's College u jibda jattendi c-Chiswick House School. A B, fir-risposta tiegħu stqarr illi huwa għandu jkollu informazzjoni ta' kemm ser tiswa l-ispiża kollha kull sena, kif ukoll kemm ser togħla din l-ispiża. Huwa qabel mat-tieni talba li l-Qorti tisma lid-diriġenti tal-istess skola. Il-Qorti, permezz ta' digriet maħruġ nhar id-29 ta' Settembru 2014, ordnat li jinstemgħu d-diriġenti ta' Chiswick House School sabiex jiġi stabilit kemm ser tkun l-ispiża jekk il-minuri jibda jattendi hemmhekk kif ukoll ordnat li l-partijiet jixhdu dwar*

*is-salarji rispettivi tagħhom. Permezz ta' nota konġunta bejn iż-żewġ partijiet, il-partijiet qablu illi l-minuri Eric jibda jattendi ġewwa l-iskola Chiswick House School, kif ukoll li l-minuri jibda jinġbar mill-missier fis-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar kull meta l-istess missier jiġbor lil ibnu mill-iskola. Kwalunkwe spejjeż relatati mal-edukazzjoni, trasport u attivitajiet extrakurrikulari tal-minuri ser jitħallsu minn C D;*

*XIX. Permezz ta' rikors datat għall-24 ta' Ottubru 2014, C D ressqet is-segwenti talbiet; Illi tiġi awtorizzata tiġbor lil minuri Eric nhar id-19 ta' Diċembru 2014 fid-disgħa ta' filgħaxija minn ħdejn l-għassa ta' San Ġiljan, Illi tawtorizza lill-esponenti li ssiefer flimkien mal-minuri Eric u l-partner tagħha bejn l-għoxrin ta' Diċembru u t-tletin ta' Diċembru 2014, Illi tordna lil A B jirritorna lura lill-esponenti l-Passaport tal-minuri Eric u Illi tawtorizzahha tapplika waħedha għall-ħruġ tal-Passaport fuq l-isem tal-minuri Eric, kif ukoll li tali passaport jiġi kkonsenjat lilha fin-nuqqas li A B ma' jgħaddix il-passaport lil C D sal-ħmistax ta' Novembru 2014. A B, fir-risposta tiegħu stqarr li huwa ma' jsib l-ebda oġġezzjoni li l-minuri Eric isiefer ma' ommu u stqarr li diġa kien għadda l-passaport tal-minuri lill-avukata sottoskritta. Huwa stqarr li jrid assigurazzjoni mill-Qorti fir-rigward li l-passaport ikun wieħed limitat għal ċertu żmien, li hu jingħata numru tat-telefown fejn ikun jista' jikkuntatja lil minuri Eric, kif ukoll li C D tgħaddi l-informazzjoni kollha pertinenti għall-vaganza u l-vjaġġ. A B talab li tkun l-omm, C D li tiġbor lill-minuri Eric minn Għawdex u ma' jkunx huwa li jniżżel lill-minuri ġewwa Malta dakinhar. A B qabel ma' dak li qalet C D fir-rikors tagħha fir-rigward li l-minuri Eric ikun miegħu meta l-istess minuri jasal lura mis-safra sas-6 ta' Jannar 2015. A B ressaq talba sabiex nhar il-Ħadd 9 ta' Novembru, l-Qorti jogħġobha ttawwal il-ħin tal-aċċess minħabba quddies li ser tiġi ċċelebrata fl-għeluq tal-ewwel anniversarju mill-mewt ta' missier A B. Il-Qorti, permezz ta' digriet*

*maħruġ nhar l-10 ta' Novembru 2014 ordnat lir-rikorrenti sabiex tkun hi li nhar id-19 ta' Diċembru tiġbor lill-minuri Eric minn Għawdex kif ukoll li tforni id-dettalji relevanti għal vaganza kif ukoll numru ta' fejn il-minuri ikun jista jagħmel kuntatt telefoniku ma' missieru. It-talbiet l-oħrajn ġew milqugħa;*

XX. *Permezz ta' rikors datat għad-19 ta' Novembru 2014, A B ressaq is-segwenti talbiet quddiem il-Qorti; Illi l-Qorti tvarja d-digriet mogħti nhar id-19 ta' Novembru 2013 fejn talab li kull gimgħatejn jirritorna lill-minuri Eric għand ommu il-Ħadd fl-4:00p.m minflok is-Sibt fis-7:00p.m. kif ukoll li jkollu aċċess addizzjonali ta' 24 siegħa fil-festi pubbliċi billi jiġbor lill-minuri mill-iskola u jirritornah lura għand l-omm fil-5:00p.m. C D, fir-risposta tagħha datata għall-10 ta' Diċembru 2014, qalet illi l-missier kien qabel mad-Digriet tad-19 ta' Novembru 2013 fejn kien hemm żieda fil-ħinijiet tal-aċċess. Hija stqarret ukoll li l-istess talba kienet diġa saret nhar it-2 ta' Mejju 2014, madankollu l-Qorti rrifjutat it-talba permezz ta' digriet tal-21 ta' Mejju 2014. C D qalet ukoll illi hija kienet qiegħda b'mod kostanti tipprova tirranġa r-relazzjoni tal-minuri Eric ma' missieru, A B u kienet hi stess li pproponiet li l-minuri jqatta l-vaganzi tal-Milied mal-missier. C D qalet ukoll li A B ilu minn Settembru tal-2014 ma' jgħaddi manteniment fir-rigward ta' ibnu. C D, fir-risposta qalet li t-talba ta' A B kienet intiża sabiex ittellef lill-minuri Eric milli jkun jista jattendi għat-tournaments tal-football li huma għal qalbu. C D qalet ukoll li jekk jiżdided il-ħin tal-aċċess, il-minuri mhux ser ikollu ċans sabiex ilesti x-xogħol tad-dar. Finalment, C D qalet li hija taqbel mat-talba tar-rikorrent illi l-missier ikollu aċċess versu l-minuri fil-festi pubbliċi li jaqgħu fis-Sajf. Il-Qorti, permezz ta' digriet maħruġ nhar l-11 ta' Diċembru 2014, ċaħdet l-ewwel talba filwaqt li laqgħet l-ewwel talba limitatament għall-festi pubbliċi li jinzertaw fis-Sajf;*

XXI. *A B, permezz ta' rikors li resaq nhar l-4 ta' Frar 2015 (a.fol 784 tal-proċess) ressaq talba quddiem il-Qorti sabiex l-aċċess tiegħu ikun varjat b'mod li fl-ewwel ġimgħa, l-minuri Eric l-aċċess jibda mill-Ġimgħa wara l-iskola sas-Sibt fis-7pm filwaqt li fit-tieni ġimgħa, l-aċċess jibda is-Sibt f'12pm u jibqa sejjer sal-Ħadd fl-4pm. C D, fir-risposta tagħha datat għas-6 ta' Marzu 2015 (a fol 790 tal-proċess) ma' qablitx mat-talbiet li għamel ir-rikorrent. Hija qalet ukoll li jkun għaqli illi l-Qorti tisma x'għandu xi jgħid il-minuri Eric rigward dan ilfatt in kwistjoni. Il-Qorti permezz ta' Digriet maħruġ nhar il-5 ta' Mejju 2015 (a.fol 807 u 1421 tal-proċess) laqgħet it-talba ta' A B fir-rigward li l-istess B jobbliga ruħu li jieħu lill-istess minuri Eric B għat-tournaments tal-futbol filwaqt li jibqa' Malta sa' tmiem l-aċċess. Il-Qorti ordnat li fis-Sajf, sabiex jiġi ikkumpensat il-missier, żdied l-aċċess ta' A B versu l-minuri Eric B;*

XXII. *Permezz ta' rikors datat għall-25 ta' Frar 2015, A B ressaq is-segwenti talba quddiem il-Qorti; Illi l-minuri Eric ikun mal-esponent min-nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2015 wara l-iskola sa nhar il-5 ta' April 2015, fejn huwa ikollu jirritorna lil minuri ġewwa r-residenza tal-omm f'Għawdex. C D, fir-risposta tagħha datata għall-10 ta' Marzu 2015, qalet li hija dejjem mxiet mad-digriet tal-Qorti maħruġ fid-19 ta' Novembru 2015. Hija qalet li A B qiegħed għal darb'oħra juża kull mezz li tagħtih il-liġi sabiex jikseb dak li jrid, dan minħabba l-fatt li dan kien it-tieni rikors li A B ressaq sabiex ikun hemm varjazzjoni fl-aċċess f'temp ta' xahar. C D tistqarr li bonarjament hija pproponiet illi l-minuri iqatta' l-ewwel ġimgħa tal-vaganzi magħha filwaqt li t-tieni ġimgħa iqattaha ma' missieru. Hija qalet ukoll li fis-sena ta' qabel, il-minuri kien qatta l-ewwel ġimgħa mal-missier filwaqt li t-tieni ġimgħa qattaha mal-omm. Hija talbet sabiex il-vaganzi tal-Għid jiġu alternati bejn iż-żewġ ġenituri. C D qalet li jkun ferm għaqli*

*li kieku l-minuri Eric imur għand A B fit-tieni ġimgħa, dan sabiex jingħataw ċans sabiex jadattaw għall-esiġenzi kbar ta' tarbijja fi ftit jiem. Hija qalet ukoll li rigward il-parteċipazzjoni tal-minuri fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, huwa biss il-minuri Eric li jaf xi jħoss f'dan ir-rigward. Hija qalet ukoll li l-play imsemmija mir-rikorrent kienet ser tinżamm nhar il-21 ta' Marzu 2015 u għalhekk, qabel il-vaganzi tal-Għid. C D talbet illi fl-ewwel Ġimgħa tal-vaganzi, il-minuri ikun mal-omm, filwaqt li fit-tieni Ġimgħa, dan ikun mal-missier. Permezz ta' digriet datat għall-25 ta' Frar 2015, il-Qorti ċaħdet it-talba ta' A B;*

XXIII. *Permezz ta' nota datata l-20 t'April 2015 A B nforma lil din l-Onorabbli Qorti li wara l-inkontru li kellu l-minuri mal-Avukat tat-Tfal kien imissu l-aċċess għal ibnu bejn il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2015 sal-Ħadd fit-8.00am iżda wara tali laqgħa l-intimata nfurmatu li l-minuri ma jiflaħx u għalhekk ċaħditu mill-istess imsemmi aċċess;*

XXIV. *Permezz ta' rikors b'urġenza datat għall-14 ta' Mejju 2015, A B talab li ikollu aċċess versu ibnu Eric min-nhar il-15 ta' Mejju 2015 sal-għada s-16 ta' Mejju, filwaqt li jkollu aċċess differenti fil-ġimgħa ta' wara, u voldieri mis-Sibt 23 ta' Mejju sal-Ħadd 24 ta' Mejju sabiex il-minuri Eric ikun jista' jattendi għall-magħmudija ta' ħuħ Jake u l-festin li ser isegwi. Il-Qorti, permezz ta' Digriet maħruġ nhar l-14 ta' Mejju 2015, laqgħet din it-talba;*

XXV. *A B, nhar il-25 ta' Mejju 2015, ippreżenta nota fejn fiha informa lill-Qorti wara d-digriet tal-14 ta' Mejju 2015, C D riedet tvarja il-ħin tal-aċċess bejn il-15 u is-16 ta' Mejju u l-attur aċċetta. Huwa qal li l-esponenta injorat dan il-ftehim u ċaħdet lil A B minn ibnu u qalet lil A B li jekk ried jara lil ibnu kellu jinżel Malta għalih. A B qal li permezz ta' dan, huwa tilef*

*tlett siegħat mill-ħin ma' ibnu. Huwa saħaq illi kien lest iħarrek lil ħaddiema tal-Gozo Channel sabiex jippreżentaw evidenza li C D kienet fuq l-istess vapur ma' A B u b'hekk, dan kien sar b'pika. Huwa talab li l-intimata ma' tibqax tinjora digrieti tal-Qorti kif ukoll talab lil Qorti sabiex twiddeb u ċċanfar lil C D kif ukoll li tipprosegwi bir-rikors ta' disprezz lejn il-Qorti;*

XXVI. *A B ppreżenta nota (a fol 556 tal-proċess) fejn talab illi l-Qorti tipprosegwi b'rikors ta' disprezz fil-konfront ta' C D skont il-verbal tal-5 ta' Novembru 2013 kif ukoll li tagħti kull provediment ieħor opportun, inkluż ġranet ta' aċċess ulterjuri;*

XXVII. *C D, permezz ta' rikors li ppreżentat nhar it-26 ta' Mejju 2015 (a fol 561 tal-proċess) talbet li l-Qorti tordna li fix-Xitwa, l-minuri jinġabar mill-missier minn Malta sabiex jeżerċita l-aċċess ma' ibnu filwaqt li jirritornah fir-residenza tal-omm fix-Xewkija. Hija talbet li dan ukoll japplika għas-Sajf, kemm matul il-Ġimgħa kif ukoll fil-weekends. Fir-risposta tiegħu (a.fol 567 tal-proċess), A B qal li fix-Xitwa meta l-minuri jispiċċa mill-iskola, għandu jkun huwa li jiġbor lill-minuri mill-iskola sabiex jeżerċita l-aċċess. Huwa talab lill-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet l-oħra li ressqet l-intimata. Il-Qorti laqgħet l-ewwel żewġ talbiet filwaqt li ċaħdet it-tielet talba;*

XXVIII. *A B jippreżenta rikors datat id-29 ta' Mejju 2015 sabiex jiġi awtorizzat jiġbor lill-minuri mid-dar tal-intimata ġewwa Malta bl-għajnuna tal-Marixxalli u l-Pulizija Eżekuttiva u dan bid-dispensa tan-notifika u tipprosegwi b'rikors ta' disprezz fil-konfront tal-intimata skond il-verbal tal-5 ta' Novembru 2013. Permezz ta' Digriet datat fl-istess ġurnata l-ewwel talba ta' A B ġiet milqugħa b'dan li l-Qorti laqgħet għall-*

*eventwalita' li l-intimata tgħid li l-minuri ma jiflaħx billi ddikjarat li l-missier ikollu d-dritt li jkellem lit-tabib bil-għan li jistabilixxi jekk il-minuri hux verament indispost u għamlitha ċara wkoll li l-Qorti mhux ser taċċetta ċertifikati maħruġin minn tobba li jaħdmu fil-*polikliniċi. *Irriservat li tipprovdi dwar it-tieni talba wara li l-intimata tiġi notifikata bir-*rikors *u tirrispondi fil-konfront tal-istess tieni talba;*

*XXIX.* *C D, permezz ta' rikors b'urġenza li ppreżentat nhar it-12 ta' Ġunju 2015* (a fol 594 tal-*proċess)* talbet sabiex l-*aċċess ta'* A B *versu ibnu Eric jiġi sospiż nhar il-21 ta' Ġunju bejn nofsinhar (12:00pm) u l-erbgħa ta' wara nofsinhar (4:00pm). Iż-żewġ partijiet ressqu nota konġunta (a.fol 601 tal-proċess) nhar it-22 ta' Ġunju 2015 fejn qablu rigward mod ta' kif jiġi eżerċitat fil-ġranet imsemmija fir-rikors ta' C D;*

*XXX.* *C D, permezz ta' rikors li ressqet nhar it-30 ta' Ġunju 2015, (a fol 608 tal-proċess) ressqet żewġ talbiet quddiem il-Qorti, b'liema talbiet ikunu sabiex* il-Qorti *tvarja d-Digriet tal-5 ta' Mejju 2015 kif ukoll li kif jidħol in vigore* id-digriet tal-5 *ta' Mejju, l-aċċess tas-*Sajf, *fl-ewwel weekend l-aċċess għandu jiġi eżerċitat il-Ħadd 5 ta' Lulju 2015 bejn l-10:30a.m.* sas-6.30p.m *filwaqt li fil-weekend ta' wara, mis-*Sibt *fl-10:30a.m. sal-Ħadd fl-*10:30a.m. A B, *fir-risposta li ppreżenta (a.fol 612 tal-proċess) talab lill-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet li ressqet C D, kif ukoll illi huwa jingħata aċċess kumpensatorju mill-10 ta' Awwissu 2015 fid-9 a.m. sas-16 ta' Awwissu 2015 fis-6.30p.m. Il-Qorti ċaħdet it-talbiet ta' C D u aċċettat it-talba ta' A B għal aċċess kumpensatorju (a.fol 624 tal-proċess);*

*XXXI.* *C D, permezz ta' rikors li ressqet nhar is-17 ta' Lulju 2015, (a fol 635 tal-proċess) ressqet żewġ talbiet quddiem il-Qorti, b'liema talbiet ikunu sabiex* il-Qorti *fl-aħjar interess tal-*minuri, tissospendi d-dritt tal-*aċċess ta'* A B

*favur il-minuri kif ukoll li jekk l-ewwel talba tiġi miċħudha, l-aċċess jibda jiġi eżerċitat biss taħt superviżżjoni ġewwa l-Aġenzija Appoġġ. A B, fir-risposta li ppreżenta (a fol 652 tal-proċess)* talab lill-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet li ressqet C D bl-ispejjeż kontra l-istess C D, kif ukoll illi huwa jingħata aċċess kumpensatorju mill-16 ta' Awwissu 2015 fis-6.30 p.m sat-23 ta' Awwissu 2015 fis-6.30p.m. Il-Qorti ċaħdet it-talbiet ta' C D u aċċettat it-talba ta' A B għal aċċess kumpensatorju (a fol 647 tal-proċess). Il-Qorti awtorizzat ukoll lil A B sabiex jieħu lill-minuri bl-għajnuna tal-Pulizija u tal-Marixxalli tal-Qorti;

XXXII. C D, permezz ta' rikors li ressqet nhar it-12 ta' Ġunju 2015, (a fol 675 tal-proċess) ressqet talba sabiex hija tkun tista' ssiefer ġewwa l-Italja bejn l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Awwissu 2015 u l-ħamsa (5) ta' Settembru 2015 flimkien mal-minuri Eric u l-partner tagħha. A B, fir-risposta li ppreżenta (a.fol 684 tal-proċess) ma' oġġezzjonax għat-talba għaliex qal li hu ma' kienx ser itellef safra lil ibnu minuri. Madankollu, huwa talab forma ta' assigurazzjoni mill-Qorti sabiex dan ikun jista' jseħħ. Huwa talab li jiġi kkumpensat għas-siegħat li ser jitlef mill-aċċess tiegħu minħabba din is-safra. Permezz ta' Digriet datat l-20 t'Awwissu 2015 it-talba ta' C D ġiet miċħuda anke għaliex kien għad irid jiġi eżaminat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal;

XXXIII. A B, permezz ta' rikors li ressaq fl-1 ta' Lulju 2015 talab lill-Qorti sabiex a spejjeż tal-intimata, taħtar psikjatra u espert piskoloġiku sabiex jeżaminaw lill-intimata u jirrelata jekk l-intimata għandhiex ikollha l-kustodja tal-minuri;

XXXIV. A B, ressaq rikors b'urġenza nhar l-24 ta' Lulju 2015 (a.fol 809 tal-proċess) fejn ressaq tlett talbiet b'dawn ikunu li l-minuri Eric jibda jabita

*mal-istess esponent, u cioe, A B, b'aċċess superviżjonat versu l-intimata C D pero mhux fil-presenza tal-partner tagħha, li tordna lil minuri Eric jittieħed mill-esponent b'mod immedjat kif ukoll taħtar psikjatra jew espert psikologu sabiex jagħmlu eżami fuq l-intimata u jirrelata direttament ma' jekk il-psikjatra għandhiex ikollha l-kustodja tal-minuri Eric B. C D, nhar it-3 ta' Awwissu 2015 fir-risposta tagħha (a.fol 832 tal-proċess) ċaħdet dak kollu li ġie intavolat fir-rikors li ressaq A B. Hija ukoll tat ir-raġunijiet il-għaliex il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet tal-istess A B. Il-Qorti, permezz ta' digriet datat għat-3 ta' Awwissu ħatret bħala avukat tat-tfal lil Dr. Tanya Sammut Catania sabiex wara li tkellem lill-minuri tirrelata mal-Qorti fir-rigward tal-ewwel żewġ talbiet ta' A B;*

XXXV. *A B, ippreżenta nota nhar id-19 ta' Awwissu 2015 (a fol 713 tal-proċess) fejn fiha qal li minħabba ċ-ċirkostanzi, huwa kien qiegħed jopponi t-talbiet tal-intimata fir-rikors li hija ressqet nhar it-12 ta' Ġunju 2015 (a fol 675 tal-proċess). C D, ippreżentat nota (a fol 714 tal-proċess) fejn ċaħdet dak li allega A B fin-nota tiegħu. Il-Qorti, permezz ta' digriet maħruġ nhar l-20 ta' Awwissu 2015 (a fol 728), ċaħdet it-talbiet li saru mill-intimata fir-rikors tat-12 ta' Ġunju 2015 (a fol 675 tal-proċess);*

XXXVI. *C D, permezz ta' rikors li ressqet nhar id-9 ta' Ottubru 2015, (a fol 736 tal-proċess) ressqet żewġ talbiet quddiem il-Qorti sabiex jiġi varjat d-Digriet maħruġ mill-istess Qorti nhar l-1 ta' Ottubru 2015. C D talbet sabiex il-Qorti tvarja d-digriet tal-1 ta' Ottubru u testendi l-inkarigu ta' M Sammut sabiex tevalwa l-karattru u n-natura ta' H I, dak li għandu xi jgħid il-minuri fuq l-istess H I kif ukoll teżamina r-relazzjoni bejn il-minuri u l-istess I. C D talbet ukoll li l-Qorti tisma' lil H I jagħti x-xhieda tiegħu dwar ir-relazzjoni li hu għandu mal-minuri Eric. A B, fir-risposta li ppreżenta (a fol 750 tal-proċess) talab lill-Qorti sabiex tiċħad it-talbiet kollha li*

*għamlet C D fir-rikors fl-aħjar interess tal-minuri Eric B. Il-Qorti, permezz tad-digriet datat għat-28 ta' Ottubru 2015 ċaħdet it-talbiet kollha ta' C D (a.fol 751 tal-proċess);*

XXXVII. *Permezz ta' Digriet datat għal-1 ta' Ottubru 2015 (a fol 895), wara li rat r-rapport tal-Avukat tat-Tfal tad-29 ta' Settembru 2015, il-Qorti ħatret lil M Sammut bħala espert psikoloġiku. Il-Qorti fid-digriet, ordnat lil C D sabiex ma' tesponix lil minuri għall-partner tagħha b'mod immedjat, kif ukoll li f'każ li tostakola l-aċċess tal-missier ser ikollha taffaċja konsegwenzi li jammontaw għall-disprezz tal-awtorita' tal-Qorti. Il-Qorti ħatret Social Workers tal-Aġenzija Appoġġ sabiex jagħmlu monitoring visits fir-residenza ta' C D;*

XXXVIII. *Fir-rapport datat għall-25 ta' Novembru 2015, il-Psikologa M Sammut (a fol 808 tal-proċess) rrakomandat illi jkun hemm perjodi aktar fit-tul fejn il-minuri ikun ma' ġenitur wieħed sabiex titnaqqas il-frustrazzjoni li tinħoloq fejn din tinterferixxi fil-kwalita ta' ħin li jkollu l-minuri ma' kull ġenitur kif ukoll sabiex ikollu ċans isaħħaħ ir-relazzjoni ma' kull ġenitur. Suġġeriment ieħor li ressqet lejn l-omm hu l-fatt li jinħoloq ambjent lil Eric fejn hu jkollu l-attenzjoni li jkollu bżonn mingħajr ma' jħoss li huwa ċ-ċentru tad-dinja kif ukoll li l-missier jirrikonoxxi li l-minuri għandu l-gosti tiegħu u jiġi muri li huwa qiegħed jittieħed bis-serjeta'. Hija qalet ukoll li jekk ikun hemm xi għajnuna professjonali mingħand parental coach jew family therapist jista' jissaportja l-isforzi tagħhom biex jikkoperaw iżjed bejniethom. Fil-konklużjoni tar-rapport qalet illi s-sitwazzjoni ta' bejn il-ġenituri jeħtieġ li tiġi riżolta sabiex Eric ikun jista' jħossu ċert fir-rigward tal-futur tiegħu. Il-Qorti, permezz ta' digriet li nħareġ nhar il-25 ta' Novembru 2015 laqgħet ir-rakkomandazzjonijiet tal-Psikologa M Sammut*

*u ordnat lill-partijiet sabiex jibdew jattendu għal sessjonijiet ta' family therapy u parental guidance;*

XXXIX. *A B, permezz ta' rikors li ressaq nhar l-1 ta' Diċembru 2015, (a fol 824 tal-proċess) talab sabiex l-aċċess fil-perjodu tal-vaganzi tal-Milied jibda mit-18 ta' Diċembru 2015 u jispiċċa fis-26 ta' Diċembru 2015 filwaqt li jkollu ħin għall-aċċess bejn l-1 ta' Jannar 2016 fis-1pm sat-3 ta' Jannar 2016 fis-7pm. C D fir-risposta tagħha (a fol 826 tal-proċess) ipproponiet alternattiva għal dak li kien qiegħed jitlob ir-rikorrent. Hija stqarret ukoll li l-minuri Eric kellu jattendi għall-party tal-Milied tal-Melita Football Club li kienu diġa nxtraw il-biljetti għalih. Il-Qorti, permezz ta' digriet maħruġ nhar l-10 ta' Diċembru 2015 (a fol 832 tal-proċess) laqgħet it-talba tal-attur madankollu ordnat lill-attur jieħu lil ibnu għall-Htmas Party tal-Melita Football Club;*

XL. *A B, permezz ta' rikors li ressaq nhar l-4 ta' Marzu 2016, (a fol 968 tal-proċess) talab sabiex fil-vaganzi tal-Għid, il-minuri ikun mal-missier min-nhar il-Ġimgħa 25 ta' Marzu 2016 fl-12pm sa nhar it-3 ta' April 2016 fil-5pm. C D fir-risposta tagħha (a.fol 974 tal-proċess) opponiet t-talba ta' A B fejn fiha, l-attur talab li l-minuri iqatta' aktar ħin mal-missier fil-vaganzi tal-Għid. Il-Qorti, permezz ta' digriet datat ghas-17 ta' Marzu 2016 laqgħet it-talba ta' A B;*

XLI. *C D, permezz ta' rikors li ressqet nhar il-5 ta' April 2016 (a fol 977 tal-proċess) ressqet żewġ talbiet quddiem il-Qorti, b'dawn it-talbiet ikunu sabiex tordna li Eric ma' jitlifx l-opportunita li jipparteċipa ma' ħbiebu fil-Football Camp organizzat mill-Melita FC bejn it-8 ta' April u l-10 ta' April 2016 kif ukoll li tordna li kull meta t-tifel ikollu t-training jew xi attivita oħra relatat mal-futbol li jinzerta waqt il-ħin tal-aċċess mal-missier, ikun*

*l-istess missier li jieħu lit-tifel u jattendi miegħu għal tali attivita. A B, fir-risposta tiegħu (a fol 983 tal-proċess) oppona ż-żewġ talbiet li saru minn C D. Il-Qorti permezz ta' digriet maħruġ nhar it-8 ta' April 2016 ċaħdet it-talbiet li saru min-C D filwaqt li saħqet illi C D dejjem għandha tikkonsulta mal-intimat qabel ma' tieħu deċiżjonijiet unilaterali;*

XLII. *Permezz ta' nota datata l-11 t'April 2016 A B pero' informa lil din l-Onorabbli Qorti li sab diffikulta' biex jeżerċita tali aċċess peress li l-intimata ġabret lill-minuri mill-iskola qabel il-ħin u kien biss bl-intervent tal-ħaddiema tal-iskola li ntervjenew u kkomunikaw mal-istess intimata biex finalment iritornat lill-minuri fl-iskola u l-missier seta' jeżerċita d-dritt tiegħu t'aċċess għall-minuri;*

XLIII. *C D, permezz ta' rikors li ressqet nhar il-5 ta' April 2016 talbet lill-Qorti sabiex id-digriet li ngħata nhar il-1 ta' Ottubru 2015 jiġi revokat mill-istess Qorti contrario imperio limitatament għall-parti tad-digriet fejn ġie ordnat illi l-esponenti, "ma tesponix aktar lill-minuri għal partner tagħha u dan b'effett immedjat."*

XLIV. *C D, permezz ta' rikors li ressqet nhar il-10 ta' Mejju 2016 (a.fol 1017 tal-proċess) talbet għar-revoka tad-digriet ta' nhar l-1 ta' Ottubru 2015 contrario imperio sabiex il-minuri Eric B ikun jista' jerġa jkun fil-presenza tal-partner tagħha, H I. A B, fir-risposta tiegħu (a fol 1021 tal-proċess) oppona għal tali talba. Il-Qorti permezz ta' digriet datat għas-26 ta' Mejju (a fol 1036) ċaħdet it-talba ta' C D;*

XLV. *Ġiet esebita numru ta' drabi sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-*

*Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri) vs A B datata l-10 ta' Mejju 2016*[23] *fejn l-attur ġie akkużat li ħebb għall-minuri Eric B u kkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa, li kkommetta fastidju fil-konfront tal-istess minuri Eric B u li kkaġuna biża' li ser tintuża l-vjolenza fil-konfront tal-istess Eric B jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xiħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tal-imsemmija persuna b'dan li l-istess A B ġie liberat mill-akużi kollha miġjuba kontra tiegħu;*

*XLVI.* *C D, permezz ta' rikors li ressqet nhar l-14 ta' Ġunju 2016 (a fol 1044 tal-proċess) talbet sabiex il-Qorti tidderieġi l-attur sabiex A B jiffirma kull dokument meħtieġ sabiex il-minuri Eric B jkompli bl-edukazzjoni tiegħu ġewwa St.Martin's College u f'każ li l-istess A B ma' jiffirmax, tawtorizza lil C D tiffirma waħedha. A B, fir-risposta tiegħu (a fol 1058 tal-proċess) qal illi huwa mhuwiex jopponi l-fatt li l-minuri Eric B jkompli jattendi l-istess skola, madankollu huwa xorta waħda qal illi għadnha tkun l-intimata li tkompli tagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati mal-iskola, transport u attivitajiet extra-kurrikurali tal-minuri kif diġa' ddikjarat permezz ta' nota konġunta. Il-Qorti, fid-digriet datat għall-14 ta' Ġunju (a.fol 1062 tal-proċess) laqgħet it-talbiet ta' C D, madankollu kellha tkun l-istess C D illi tħallas l-ispejjeż kollha tal-edukazzjoni tal-minuri;*

*XLVII.* *C D, permezz ta' rikors li ressqet nhar is-16 ta' Ġunju 2016 talbet lill-Qorti li l-aċċess ta' A B għall-minuri jiġi varjat u jkun alternattivament matul ġimgħa minnhom bejn il-Ġimgħa fis-1.00 p.m. sal-Ħadd f'12:00 p.m. u b'ġimgħa oħra jkun min-nhar ta' Ġimgħa fis-1:00 p.m. sas-Sibt fis-6:00 p.m. Hija talbet ukoll li jkun l-attur A B li jiġbor lill-minuri minn*

[23] Ara a fol 1292 tal-proċess

*ġewwa l-Junior College fl-Imsida fejn huwa ser ikun qiegħed jattendi għat-training mal-Melita Football Club;*

XLVIII. *Permezz ta' rikors datat l-20 ta' Ġunju 2016 l-intimata C D talbet li l-aċċess ta' A B matul is-Sajf odjern ikun alternattivament matul ġimgħa minnhom mill-ġurnata tal-Ġimgħa fis-1.00pm sal-Ħadd f'nofs inhar (12.00pm) u l-ġimgħa ta' wara mill-ġurnata tal-Ġimgħa fis-1.00pm sas-Sibt fis-6.00pm u li jkun l-istess A B li jiġbor lill-minuri mill-Junior College filwaqt li tkun l-omm li tiġbor lill-minuri lura wara l-aċċess mix-Xewkija Għawdex;*

XLIX. *A B, permezz ta' rikors li ressaq nhar it-22 ta' Ġunju 2016 (a fol 1082 tal-proċess) talab lill-Qorti sabiex tawtorizzah li japplika u jottjeni passaport għall-minuri Eric kif ukoll li tawtorizzah isiefer mal-minuri Eric B fid-dati mniżżla fir-rikors. Huwa talab lil Qorti sabiex tordna lill-uffiċjal inkarigat mill-ħruġ tal-passaporti sabiex joħroġ passaport fuq isem Eric B u jikkonsenja l-istess passaport lill-esponent. Ir-rikorrent, talab ukoll illi huwa jiġbor lill-minuri Eric mir-residenza tal-intimata lejliet is-safra u jirritornah l-għada li jirritornaw f'Malta. Permezz ta' digriet maħruġ nhar l-21 ta' Lulju 2016 (a fol 1090 tal-proċess), il-Qorti laqgħet it-talbiet kollha li saru minn A B;*

L. *A B, permezz ta' rikors urġenti li ressaq nhar l-4 ta' Lulju 2016 (a fol 1101 tal-proċess) ressaq erbgħa talbiet quddiem il-Qorti, b'dawn it-talbiet ikunu li tordna li l-minuri jabita ma' A B b'aċċess superviżjonat versu C D, li tordna li l-minuri Eric jittieħed b'mod immedjat minn A B, li l-Qorti taħtar psikjatra jew espert psikoloġiku sabiex jagħmlu eżami fuq l-intimata u jekk għandiex ikollha l-kustodja ta' Eric B. Huwa talab ukol lli f'każ li l-Qorti ma' tilqax l-ewwel talba, l-aċċess għandu jkun li l-minuri jkun ma'*

*ġenitur għal ġimgħa u ma' ġenitur ieħor fil-ġimgħa ta' wara. F'każ li l-ewwel u r-raba' talba jiġu rrifjutati, ir-rikorrent talab illi jkun hemm żieda fil-ħin tal-aċċess fix-xhur tas-sajf versu A B. Il-Qorti, permezz ta' digriet datat għall-21 ta' Lulju 2016 (a fol 1116 tal-proċess) laqgħet ir-raba' talba ta' A B. Fir-risposta tagħha (a.fol 1118 tal-process, C D niżżlet ir-raġunijiet il-għaliex it-talba ta' A B għandha tiġi miċħuda. Hija ukoll saħqet illi għandu jiġi milqugħ ir-rikors ta' nhar l-20 ta' Ġunju 2016 li hija stess kienet ressqet. Hija talbet ukoll li jinstema il-minuri Eric B in camera. Permezz ta' Digriet datat il-21 ta' Lulju 2016 din l-Onorabbli Qorti laqgħet ir-raba' talba u awtorizzat l-intervent tal-Marixxalli u l-Pulizija jekk ikun hemm bżonn sabiex l-aċċess jiġi eżerċitat;*

LI. *C D, ippreżentat nota nhar l-14 ta' Lulju 2016 fejn stqarret illi nhar l-10 ta' Lulju 2016, A B ma' rritornax lil minuri Eric lura għand ommu fil-ħin li suppost l-istess minuri ġie rritornat għand ommu in linea mad-digriet tal-Qorti. C D, talbet lill-Qorti sabiex tieħu s-segwenti provvedimenti; li tisma lill-partijiet, li tordna sabiex jinbdew proċeduri ta' disprezz kontra A B, li tordna lill-A B josserva d-digrieti mogħtija mill-Qorti kif ukoll li tordna li jkun l-attur li jwassal lil minuri fil-ħin ġewwa Malta lill-esponenti, almenu matul ix-xhur tat-tqala;*

LII. *A B, permezz ta' rikors urġenti li ressaq nhar l-20 ta' Lulju 2016 (a fol 1159 tal-proċess) talab sabiex il-Qorti tiddegreta ż-żewġ rikorsi li huwa ntavola fit-22 ta' Ġunju u fl-4 ta' Lulju bid-dispenza tan-notifika tal-intimata u f'każ li ma' tintlaqax din it-talba, tawtorizza lil A B jinnotifika lill-Avukat tal-intimata. B'digriet maħruġ nhar l-21 ta' Lulju 2016 (a.fol 1161), il-Qorti laqgħet it-talbiet ta' A B abbażi tal-fatt li l-intimata ilha tul il-mori tal-kawża tisfida l-ordnijiet tal-Qorti b'mod ripetut u għamlet minn*

*kollox biex tostakola l-aċċess tal-missier għal ibnu b'detriment kbir għall-istess minuri;*

LIII. *C D, permezz ta' rikors li ressqet nhar il-11 ta' Awwissu 2016 (a fol 1260 tal-proċess), ressqet diversi raġunijiet il-għaliex ai termini tal-*artikolu 734 *(i)(d) ta' Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Imħallef sedenti għandha tiġi rikużata jew tastjeni ruħha milli toqgħod aktar fil-kawża. C D, fir-rikors, saħqet illi jeżistu ċirkostanzi legali u fattwali il-għaliex dan għandu jseħħ. Fir-risposta tiegħu (a fol 1270 tal-proċess), A B, espona diversi raġunijiet il-għaliex it-*talbiet *tar-rikorrenti C D għandom jiġu miċħuda. Il-Qorti, permezz ta' digriet li tat nhar l-4 ta' Ottubru (a fol 1273 tal-proċess) ċaħdet it-*talba *tar-rikorrenti għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta;*

LIV. *A B, permezz ta' rikors li ressaq nhar it-3 t'Awwissu 2016 (a fol 1168 tal-proċess), talab lill-Qorti sabiex jinfetaħ ir-Reġistru tal-Qorti b'urġenza u wara l-ħinijiet legali sabiex jiġi ippreżentat l-*istess *rikors, kif* ukoll *li l-istess Qorti tagħti l-provvedimenti li jidrilha li huma xierqa f'dan il-mument. Fir-rikors A B esprima biża li jista' jkun illi jekk id-*digriet *id-digriet li tat il-Qorti ma' jiġix esegwit, hemm biża li l-intimata tista' tallontana ruħha mid-dar u tistaħba bil-minuri jew addirittura taħrab bih;*

LV. *L-intimata C D* tintavola nota datata *t-22 t'Awwissu 2016 (a fol 1162 tal-proċess) fejn tinforma lil din l-*Onorabbli Qorti *li l-attur qed joħloq il-problemi sabiex jirritorna lura lill-minuri wara l-aċċess jew li tispiċċa titla' Għawdex għal xejn;*

LVI. *Fl-istess ġurnata u ċioe' t-22 t'Awwissu 2016*[24] *jirriżulta li A B ntavola rapport tal-Pulizija dwar episodju fejn l-intimata qabdet u ħadet lill-minuri Eric lejn Malta meta suppost l-istess minuri kien miegħu għall-aċċess. B'dan kollu ġew infurmati l-Marixxalli tal-Qorti fosthom Salvina Portelli li kellha tipprova tagħmel l-arranġamenti neċessarji biex tmur lejn Malta u tipprova tiġbor lit-tifel minn hemm;*

LVII. *A B, ressaq rikors b'urġenza nhar it-23 ta' Awwissu 2016 (a fol 1169 tal-proċess) f'liem rikors, ir-rikorrenti ressaq erba' talbiet quddiem il-Qorti. Huwa talab sabiex l-Qorti tiddegrata r-rikors odjern b'urġenża u bid-dispensa tan-notifika, illi tagħti l-awtorizzazjoni lil Pulizija u l-Marixalli jisgassaw il-bieb tal-post fejn ikun sitwat il-minuri Eric sabiex jiġi eżegwit id-digriet tal-21 ta' Lulju 2016 u l-minuri jiġi mgħoddi lill-missier. Huwa talab lill-Qorti sabiex tordna lill-minuri Eric li jibqa' jabita mal-missier b'aċċess superviżjonat versu l-omm sakemm l-omm ma' tipprovdix ċertifikat mediku li juri li l-intimata hija mentalment stabbli, kif ukoll, li ssib lill-intimata ħatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti. Permezz ta' digriet (a fol 1201 tal-proċess), il-Qorti laqgħet l-ewwel talba. Il-Qorti laqgħet it-tieni talba sabiex fil-limiti tal-liġi, il-Marixalli kif ukoll il-Pulizija ġew ordnati u awtorizzati li jużaw kull mezz possibli sabiex jiġi eżegwit id-digriet tal-21 ta' Lulju 2016. Il-Qorti ordnat li l-minuri jibda jirresjedi ma' missieru b'effett immedjat mit-8 ta' Settembru 2016. Fir-rigward tat-tielet u r-raba' talba, il-Qorti ordnat in-notifika ta' C D u tat 10 t'ijiem utili għar-risposta. C D, fir-risposta tagħha ppreżentata nhar is-6 ta' Settembru 2016 stqarret illi r-raba talba tar-rikorrent u cioe dik li l-minuri jibdel ir-residenza mhijiex fl-aħjar interess tal-minuri għaliex dan imur kontra l-istabilita li l-minuri kiseb fl-iskola, mal-ħbieb, fl-attivitajiet*

[24] Liema rapport hu esebit a fol 1303 tal-proċess

*extra kurrikulari kif ukoll fil-ħajja tiegħu b'mod ġenerali u kontra dak li qabel miegħu l-attur stess. C D, fir-rigward tat-tielet darba, talbet lill-Qorti sabiex taħtar espert psikjatra jew espert psikologu sabiex jagħmel eżamijiet meħtieġa fuq iż-żewġ partijiet pero' dawn isiru għas-spejjeż tal-attur. C D, talbet ukoll li tiġi miċħuda r-raba' talba minħabba l-fatt illi hija ma' ġietx misjuba ħatja ta' l-ebda disprezz lejn l-Qorti. C D talbet ukoll sabiex jinstema il-minuri Eric in camera jew tramite esperti maħtura għal dan il-għan fir-rigward tal-kwistjoni tal-aċċess u r-residenza tiegħu. Il-Qorti permezz ta' digriet maħruġ nhar is-6 ta' Settembru 2016 ħatret lill-Psikjatara Dr. Joseph Cassar biex iwettaq eżaminazzjoni fuq iż-żewġ partijiet bl-ispejjeż imorru proviżorjament a karigu tar-rikorrent A B. Din il-ħatra saret sabiex jiġi determinat jekk il-partijiet humiex mentalment stabbli sabiex il-minuri ikun jista' jabita magħhom mingħajr l-istess minuri ma' jbagħti mentalment;*

LVIII. *A B, permezz ta' rikors li ressaq nhar l-24 ta'Awwissu 2016 (a fol 1209 tal-proċess), talab lill-Qorti sabiex huwa jkun awtorizzat illi jaċċedi fil-fond residenzjali tal-intimata, Antheus, Triq l-Arznu San Ġwann billi tagħti kull ordni, inkluż dik ta' sgass, sabiex huwa jkun jista' jieħu lill-minuri Eric fil-kustodja tiegħu, jekk ikun il-każ, anke bil-forza, kif ukoll li tagħti direttivi jew provvedimenti li l-istess Qorti jidhrila li huma xierqa anke fid-dawl tal-fatt li kemm il-darba l-intimata tipprova tisfida l-ordni tal-marixxall jew il-pulizija. C D, fir-risposta tagħha datata għall-24 ta' Awwissu 2016 (a fol 1245 tal-proċess) opponiet għall-istess talbiet iżda ddikjarat li din l-Onorabbli Qorti għandha tisma lill-minuri, jekk meħtieġ in camera, tagħti smiegħ u tisma lill-partijiet u lix-xhieda inklużi l-Pulizija li kienu nvoluti mill-Għassa tar-Rabat Għawdex u mill-Għassa ta' San Ġiljan kif ukoll li tipprovdi dwar l-aċċess skont ir-rikors li ġie ppreżentat nhar it-23 ta' Awwissu 2016. Il-Qorti, permezz ta' digriet li ingħata nhar*

*it-28 ta' Awwissu 2016 (a fol. 1249 tal-proċess) laqgħet l-ewwel talba tar-rikorrent sakemm il-minuri ma' jweġġax waqt l-intervent. Fir-rigward tat-tieni talba, il-Qorti qalet li hija konvinta li l-marixalli tal-Qorti kif ukoll il-Pulizija jafu ben tajjeb x'passi għandom jieħdu jekk xi ħadd jipprova jfixkilhom fil-qadi ta' dmirijiethom. Il-Qorti, qalet ukoll illi llum stess tat digrieti li permezz tagħhom il-Pulizija u l-Marixalli għandom jippreżentaw affidavits bix-xhieda tagħhom dwar dak li ġara u pprovdiet ukoll smiegħ għall-minuri permezz tal-Avukat tat-Tfal;*

LIX. *C D, permezz ta' rikors b'urġenza li ressqet nhar l-24 ta' Awwissu 2016 (a fol 1278 tal-proċess), ressqet is-segwenti talbiet quddiem il-Qorti; li l-Qorti tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors (a.fol 1278 tal-proċess) b'urġenza, li tagħti smiegħ, li sakemm jingħata smiegħ, tissospendi l-effett tad-digriet ta' nhar it-23 ta' Awwissu 2016, li tisma' lill-partijiet, lill-pulizija li kienu nvoluti kemm mill-Għassa tar-Rabat Għawdex kif ukoll tisma lill-minuri, tiddeċiedi skont l-interess suprem tal-minuri kif ukoll li tirrevoka kwalunkwe aċċess mogħti lill-missier permezz ta' digrieti preċedenti u tordna li jingħata aċċess adegwat pero b'superviżjoni da parti tal-Aġenzija Appoġġ. Fir-risposta tiegħu (a fol 1290), A B issottometta illi l-ewwel talba ta' C D hija sorvolata, illi huwa ma' jopponix it-tieni talba. A B oppona għat-tielet talba għaliex skont A B, tali talba hija intiża sabiex il-minuri ma' jsifirx ma' ibnu Eric. A B jissottometti ukoll li m'hemmx qbil fir-rigward tal-fatt li jiġi mismugħ it-tifel. Huwa qal li jkun iktar idoneu li jinstegħmu l-esperti, fosthom Dr Tanya Sammut Catania u M Sammut. A B qal li jekk ser jinstemgħu xi pulizija, għandhom jinstemgħu il-Pulizija kollha mhux biss dawk tal-għassa tar-Rabat. A B oppona għall-ħames talba għaliex m'hemm ebda raġuni għaliex l-aċċess tiegħu għandu jkun ristrett. Permezz ta' digriet datat għat-28 ta' Awwissu 2016 (a.fol 1323 tal-proċess), il-Qorti, ċaħdet it-tielet u s-sitt talbiet li għamlet C D. Il-Qorti*

*ordnat illi l-Marixxalli u l-Pulizija permezz ta' affidavit, jagħtu l-verżjoni tagħhom. Il-Qorti ordnat li l-minuri jinstema mill-Avukat tat-Tfal Dr.Tanya Sammut Catania, kif ukoll li l-istess Avukat tat-Tfal tiġi kkomunikata bl-istess digriet. Il-Qorti, permezz ta' digriet ieħor datat għal 25 ta' Ottubru 2016, (a.fol 1325 tal-proċess) rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal tal-25 ta' Ottubru 2016 kif ukoll rat li kemm il-Puliżija kif ukoll l-Marixxalli ma' ppreżentawx l-affidavits bix-xhieda tagħhom. Il-Qorti ċaħdet it-tielet u r-raba' talba ta' C D;*

LX. *C D, permezz ta' rikors b'urġenza li ressqet nhar is-6 ta' Settembru 2016 talbet lill-Qorti li minħabba l-fatt li kien hemm żewġ inċidenti, wieħed fit-23 ta' Awwissu 2016 u ieħor fl-24 ta' Awwissu 2016, jinstemgħu s-segwenti xhieda; il-pulizija li kienu preżenti mill-Għassa tar-Rabat, Għawdex, il-pulizija li kienu preżenti mill-Għassa ta' San Ġiljan, l-esponenti, l-avukat G Cuschieri, video recording u transcript u l-marixxalli u l-Pulizija mill- Għassa ta' San Ġiljan rigward dak li ġara nhar id-29 ta' Awwissu 2016. C D talbet ukoll li kwalunkwe notifika ssir f'idejn il-konsulenti legali ta' l-attur, kif ukoll li taħtar lill-Psikologa M Sammut sabiex tassisti l-Avukat tat-Tfal fl-inkarigu tagħha. Permezz ta' digriet maħruġ nhar is-6 ta' Settembru 2016, il-Qorti ċaħdet l-ewwel talba u cioe' dik li kwalunkwe notifika ssir f'idejn il-konsulenti legali tal-attur jew min minnhom. A B, fir-risposta tiegħu datat għas-7 ta' Ottubru 2016, qal lill-Qorti illi minħabba ċ-ċirkostanzi u informazzjoni oħra li huwa espona, fl-aħar interess tal-minuri Eric, huwa kien qiegħed jopponi għat-talbiet kollha li għamlet C D. Permezz ta' digriet maħruġ nhar l-10 ta' Ottubru 2016, il-Qorti rriżervat li tipprovdi sakemm tkun rat ir-rapport tal-psikjatra Dr. Joseph Cassar;*

LXI. *C D, permezz ta' rikors li ressqet nhar is-17 ta' Ottubru 2016 (a fol 1331 tal-proċess), talbet li l-aċċess fix-xhur tax-Xitwa ikun varjat b'tali mod li l-aċċess versu l-missier A B jibda min-nhar ta' Sibt fl-10:00a.m. u jispicca nhar ta' Ħadd fis-2:00p.m. billi hija tiġbor lill-minuri mix-Xewkija. A B, fir-risposta tieghu datata għall-31 ta' Ottubru 2021 (a fol 1340 tal-proċess) qal li ma' jsib ebda oġġezzjoni li l-aċċess fix-Xitwa ikun dejjem mis-Sibt għall-Ħadd, madankollu qal li li għandha tkun l-intimata li twassal lill-minuri f'Għawdex fl-10:30am u bl-aċċess jibqa' sejjer sal-Ħadd fis-6p.m., filwaqt li tkun l-istess rikorrenti li tiġbor lit-tifel mingħand A B. Il-Qorti, permezz ta' digriet maħruġ nhar l-1 ta' Novembru 2016 (a fol 1342 tal-proċess), laqgħet it-talbiet ta' C D, kif ukoll laqgħet it-talbiet ta' A B b'dan li l-aċċess jibda fl-10:30a.m. is-Sibt u jispiċċa il-Ħadd fis-6:00p.m. Il-Qorti qalet li għandha tkun C D li twassal lit-tifel għand A B kif ukoll, għandha tkun hi wkoll li tiġbru mingħand l-istess A B;*

LXII. *Dr. Joseph Cassar, permezz ta' rikors li ressaq nhar is-17 ta' Novembru 2016 (a fol 1383 tal-proċess) talab li jsiru testijiet psikoloġiċi fuq iż-żewġ partijiet sabiex huwa jkun jista' jaqdi l-inkarigu li ġie mogħti lilu bl-aħjar mod. Il-Qorti, fid-digriet li tat nhar is-17 ta' Novembru 2016 (a.fol 1384 tal-proċess) ħatret lil M Sammut bħala espert psikoloġika sabiex tagħmel it-testijiet imsemmija;*

LXIII. *Permezz ta' nota konġunta datata t-23 ta' Novembru 2016 l-istess partijiet iddikjaraw li kienu qablu fuq l-aċċess ta' bejn il-21 ta' Diċembru 2016 u t-30 ta' Diċembru 2016, l-aċċess tal-missier għall-perjodu bejn it-30 ta' Diċembru 2016 u s-7 ta' Jannar 2017 u li fil-ġranet meta l-minuri ma jkunx magħhom, jkollhom il-fakulta' li jċemplu darba kull jum lill-minuri u li l-aċċess kull sena jiġi alternat sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor;*

LXIV. *A B, permezz ta' rikors b'urġenza li ressaq nhar is-26 ta' April 2017 (a fol 1352 tal-proċess) talab lill-Qorti sabiex tirrevoka d-digriet tal-1 ta' Novembru 2016 sabiex l-aċċess tal-Missier ikun kull nhar ta' Ġimgħa meta huwa jiġbor lill-minuri mill-iskola sal-Ħadd fis-6pm meta l-konvenuta għandha tiġbor lill-minuri mir-residenza tal-missier. Jekk ma' tintlaqax l-ewwel talba, A B talab illi l-aċċess tal-missier ikun kull nhar ta' Ġimgħa meta huwa jiġbor lill-minuri mill-iskola sal-għada s-Sibt fis-6pm. A B talab ukoll sabiex ir-reġistratur tal-Qorti jibda proċeduri ta' disprezz fil-konfront ta' C D. C D, fir-risposta tagħha datata għal-4 ta' Mejju 2017 (a.fol 1387 tal-proċess) stqarret illi it-talbiet ta' A B mressqa fir-rikors li huwa għamel għandom jiġu miċħuda minħabba r-raġunijiet li ġew imsemmija fl-istess risposta. Permezz ta' digriet datat għal-5 ta' Mejju 2017 (a.fol 1422 tal-proċess), il-Qorti ċaħdet l-ewwel talba u laqgħet it-tieni talba talba kif dedotta;*

LXV. *Permezz ta' rikors ieħor datat il-15 ta' Mejju 2017 (a fol 1424 tal-proċess) l-intimata C D talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma d-digriet mogħti tal-5 ta' Mejju 2017 dwar il-modalita' t'aċċess tal-minuri, tordna lill-attur li meta fil-ħin tal-aċċess tiegħu l-minuri jkollu l-football training jew tournaments jew xi attivita' ma' sħabu, jkun obbligat li jakkumpanja lill-minuri għal tali attivitajiet u talbet ukoll l-awtorizazzjoni li tibgħat lill-istess minuri għall-attivita' ta' live in tal-iskola bejn il-Ħamis 18 ta' Mejju 2017 u s-Sibt 20 ta' Mejju 2017. Permezz tar-risposta tiegħu datata t-18 ta' Mejju 2017 l-attur oppona bil-qawwa għall-ewwel talba stante li jikkontendi li din hija intiża sabiex ikompli jiġi nnegat mill-aċċess tiegħu u kwantu għat-tieni talba ddikjara li stante li dan jikkonċidi mal-aċċess tiegħu, għandu jingħata aċċess kumpensatorju mis-Sibt 20 ta' Mejju 2017 fl-12.00pm b'dan li tkun l-intimata li twassal lill-minuri Għawdex sal-għada l-Ħadd il-21 ta' Mejju 2017 fis-7.00pm meta l-*

*istess intimata tiġbor lill-istess minuri mir-residenza tal-missier. Permezz ta' Digriet datat it-18 ta' Mejju 2017 il-Qorti laqgħet it-talbiet ta' C D u ordnat aċċess kumpensatorju kif mitlub minnu stess fir-risposta tiegħu;*

LXVI. *Permezz ta' rikors datat l-14 ta' Ġunju 2017 l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tordna li għall-weekend ta' bejn is-16 ta' Ġunju u t-18 ta' Ġunju 2017 l-aċċess jiġi estiż għall-Ħadd it-18 ta' Ġunju 2017 fl-4.00pm stante li taħbat Jum il-Missier. Permezz ta' Digriet datat l-14 ta' Ġunju 2017 ġie dikjarat li l-partijiet jaqblu li l-missier għandu jiġbor lill-minuri fis-17 ta' Ġunju 2017 f'12.00pm barra l-Għassa ta' San Ġiljan u jżommu miegħu sal-għada t-18 ta' Ġunju 2017 fil-5.00pm meta l-intimata għandha tiġbor lill-minuri mir-residenza tal-missier f'Għawdex;*

LXVII. *Permezz ta' rikors b'urġenza ieħor datat is-26 ta' Ġunju 2017 (a fol 1465 tal-proċess) l-intimata C D talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna li matul is-Sjf l-aċċess tal-attur ikun matul kull ġimgħa bejn il-ġurnata tal-Ġimgħa fis-1.00pm meta jiġbor lill-minuri wara l-football training sal-Ħadd fis-6.00pm meta tkun hi stess li tiġbor lill-istess minuri mir-residenza tal-attur f'Għawdex u ulterjorment tordna li matul is-Sajf l-attur ikollu aċċess nhar ta' Tlieta fis-7.00pm meta l-minuri jinġabar mill-football training tal-Melita sal-Erbgħa fis-7.00pm meta l-omm stess tiġbor lill-minuri mir-residenza tal-missier f'Għawdex. Ġie mitlub ukoll li jinstema' l-minuri stante l-eta' tiegħu ta' 11 -il sena. Da parti tiegħu l-attur oppona għall-istess talbiet u nsista li d-Digriet tal-21 ta' Lulju 2016 fejn ġie ordnat li l-minuri għandu jkun ġimgħa ma' ġenitur wieħed u ġimgħa mal-ġenitur l-ieħor b'mod alternattiv b'dan li tkun l-istess intimata li tieħu lill-minuri għal tali aċċess u terġa' tiġbru wara li jispiċċa l-istess imsemmi aċċess.*

*Din l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talbiet tal-intimata permezz ta' Digriet datat it-12 ta' Lulju 2017;*

LXVIII. *Permezz ta' rikors ieħor datat it-18 ta' Lulju 2017 (a fol 1510 tal-proċess) C D talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex sakemm jiġi deċiż ir-rikors odjern jiġi sospiż l-aċċess tal-attur jew tordna li l-aċċess isir taħt superviżjoni, li tieħu konjizzjoni tar-rikors odjern b'urġenza, tappunta r-rikors għas-smiegħ u tisma' lill-Uffiċċjali tal-Pulizija dwar l-investigazzjoni kriminali fuq l-attur jew tordna li jiġu preżentati affidavits minn rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija dwar l-istess suġġett u tordna li kwalunkwe aċċess li jingħata l-attur ikun superviżjonat. Permezz tar-risposta tiegħu datata l-25 ta' Lulju 2017 l-attur oppona għall-istess talbiet u esebixxa wkoll numru ta' ritratti riċenti li juru kemm il-minuri jkun kuntent meta jkun ma' missieru. Permezz ta' digriet datat it-12 ta' Lulju 2017 din l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talbiet ta' C D;*

LXIX. *Permezz ta' rikors datat il-15 ta' Mejju 2017 (a fol 1561 tal-proċess) C D talbet li jiġu inizzjati proċeduri għal disprezz kontra l-attur A B. Permezz tar-risposta tiegħu datata t-13 ta' Novembru 2017 A B oppona għall-istess u sostna li t-talba ta' C D m'hijiex sostanzjata u / jew pruvata u konsegwentement it-talba tagħha ma tistax tintlaqa'. Permezz ta' Digriet datat l-14 ta' Novembru 2017 din l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba;*

LXX. *Permezz ta' nota datata t-30 ta' Ġunju 2017 A B nforma lil din l-Onorabbli Qorti li stante li f'tali ġurnata l-minuri ma kellux skola iżda kien imissu aċċess 'minn wara l-iskola', prova jagħmel kuntatt mal-intimata biex jara minn fejn ser jiġbor lill-minuri. Tentattivi ta' komunikazzjoni mal-Avukat tagħha wkoll ma taw ebda riżultat u b'hekk ġie dikjarat li A B spiċċa*

*f'sitwazzjoni fejn ma jafx minn fejn ser jiġbor lill-minuri u fuq kollox jekk hux ser jarah;*

LXXI. *Permezz ta' rikors datat is-7 ta' Novembru 2017 C D talbet l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex tkun tista' ssiefer bil-minuri bejn is-26 ta' Diċembru 2017 u s-6 ta' Jannar 2018 b'dan li tkun awtorizzata tiġbor lill-minuri mingħand l-attur nhar il-25 ta' Diċembru 2017 filgħaxija jekk ikun miegħu b'dan li l-istess A B jiġi ordnat jagħtiha l-passaport relattiv jew fin-nuqqas tiġi awtorizzata tapplika għal passaport ġdid għal tali safra. Permezz tar-risposta tiegħu datata l-14 ta' Novembru 2017 A B m'oġġezzjonax għal tali safra iżda talab aċċess kumpensatorju għal ibnu bejn l-20 ta' Diċembru 2017 u l-25 ta' Diċembru 2017 fit-8.00pm meta C D għandha tiġbor lill-minuri mir-residenza tiegħu kif ukoll li l-aċċess jiġi estiż għal full weekend mill-Ġimgħa minn wara l-iskola sal-Ħadd fis-6.00pm minn issa sal-20 ta' Diċembru 2017. Permezz ta' Digriet datat it-28 ta' Novembru 2017 din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba tal-intimata b'dan li l-passaport ikun ristrett għal tali safra u tat ukoll aċċess kumpensatorju kif mitlub minn A B fir-risposta tiegħu;*

LXXII. *Permezz ta' rikors ieħor datat is-27 ta' Frar 2018 A B (a fol 1604 tal-proċess) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ikollu aċċess għall-minuri nhar it-23 ta' Marzu 2018 minn wara l-iskola sas-26 ta' Marzu 2018 fis-6.00pm meta l-intimata tiġbor lill-minuri mir-residenza tiegħu filwaqt li permezz tat-tieni talba tiegħu talab aċċess mill-4 t'April 2018 fl-12.00pm meta l-intimata twassal lill-minuri fir-residenza tal-missier sat-8 t'April 2018 fis-6.00pm meta l-istess intimata tiġbor lill-minuri mir-residenza tiegħu. Permezz tar-risposta tagħha datata t-12 ta' Marzu 2018 C D opponiet bil-qawwa għal dan u għamlet allegazzjonijiet serjissimi fuq l-istess attur li mhux talli jbiegħ id-droga talli jieħu lill-minuri miegħu ukoll*

*x'ħin ibiegħ. Permezz ta' Digriet datat it-13 ta' Marzu 2018 din l-Onorabbli Qorti laqgħet l-ewwel talba b'dan li l-minuri ma jsifirx iżda ċaħdet it-tieni talba;*

LXXIII. *Permezz ta' rikors datat is-16 ta' Mejju 2018 l-intimata C D talbet l-awtorizazzjoni sabiex issiefer mal-minuri lejn l-Ingilterra bejn it-28 ta' Ġunju 2018 sas-16 ta' Lulju 2018 (iż-żewġ ġranet inklużi) b'dan li l-passaport ikun miftuħ għal tali safra. Permezz tar-risposta tiegħu datata s-6 ta' Ġunju 2018 A B m'oġġezzjonax iżda talab aċċess kumpensatorju bejn l-20 ta' Lulju 2018 meta l-intimata għandha twassal lill-minuri fir-residenza tal-missier sal-5 t'Awwissu 2018 fit-8.00pm meta l-intimata tiġbru mir-residenza tal-istess missier. Ġie mitlub ukoll li l-passaport ikun miftuħ limitatament għal tali safra. Permezz ta' Digriet datat it-12 ta' Ġunju 2018 din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba ta' C D b'dan li ordnat li l-passaport ikun limitat għal tali safra, li l-missier jingħata numru ta' telephone biex ikun jista' jkellem lill-minuri ibnu kulljum u bl-aċċess kumpensatorju kif mitlub minnu fir-risposta tiegħu;*

LXXIV. *Permezz ta' rikors ieħor datat l-24 ta' Settembru 2018 C D talbet l-awtorizazzjoni li ssiefer lejn l-Awstralja mal-minuri bejn l-20 ta' Diċembru 2018 sas-6 ta' Jannar 2019 iż-żewġ ġranet inklużi u li l-passaport ikun miftuħ u jintuża għal tali safra. Permezz tar-risposta tiegħu datata t-3 t'Ottubru 2018 A B oġġezzjona għal tali safra kemm għaliex minkejja l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti għal aċċess kumpensatorju wara l-aħħar safra ma ingħatax u għamel sajf sħiħ ma jarax lil ibnu kif ukoll għaliex fil-vakanzi suppost għandu l-aċċess u jekk tali talba tiġi milqugħa, ser jerġa' jiġi negat minn tali aċċess. Permezz ta' Digriet datat l-4 t'Ottubru 2018 din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba għas-safar u ddikjarat li l-missier*

*ikollu d-dritt li jsiefer mal-minuri fil-vaganzi tal-Milied dejjem jekk jippreżenta rikors f'dan is-sens mill-anqas 3 xhur qabel is-safra;*

LXXV. *Ġiet esebita wkoll att t'akkuża fil-konfront ta' A B relatata ma' traffikar ta' droga kokaina (a fol 1688 tal-proċess);*

LXXVI. *Permezz ta' rikors datat it-23 t'April 2019 C D talbet l-awtorizazzjoni sabiex tkun tista' ssiefer mal-minuri lejn l-Ingilterra bejn l-4 ta' Lulju 2019 u l-15 ta' Lulju 2019 iż-żewġ ġranet inklużi u talbet ukoll li l-passaport ikun miftuħ għall-istess safra. Permezz tar-risposta tiegħu A B ddikjara li ilu ma jara lil ibnu mis-6 ta' Diċembru 2018 (b'dan li jippreżenta wkoll numru ta' rapporti kriminali dwar dan[25]) u li l-istess intimata tieħu l-liġi b'idejha u għalhekk oppona għal tali safra anke għaliex tali safra ser tinċidi fuq il-ġurnata tal-birthday tal-istess missier. Permezz ta' Digriet datat is-7 ta' Mejju 2019 din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba għas-safar b'dan li l-passaport ikun ristrett għal tali safra, li l-missier jingħata aċċess kumpensatorju u li l-istess missier jerġa' jara lil ibnu kif ordnat mill-Qorti;*

LXXVII. *Permezz ta' rikors datat l-20 ta' Mejju 2019 C D talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tappunta r-rikors għas-smiegħ, tisma' lill-minuri hi stess u tisma' x-xhieda kollha li jikkontradixxu l-gideb lampanti kontenut fir-risposta tiegħu datata s-6 ta' Mejju 2019;*

LXXVIII. *Permezz ta' rikors ieħor datat l-4 ta' Novembru 2019 C D talbet l-awtorizazzjoni sabiex issiefer mal-minuri bejn l-1 t'April 2020 u s-7 t'April 2020 iż-żewġ ġranet inklużi u talbet ukoll li l-passaport ikun miftuħ u jintuża għal tali safra. Permezz tar-risposta tiegħu datata l-21 ta'*

[25] Ara Dok. A esebit a fol 1712 et seq tal-proċess

*Novembru 2019 l-attur iddikjara li kien ilu ma jara lil ibnu mis-6 ta' Diċembru 2018 għaliex l-omm unilaterlment iddeċidiet li l-minuri m'għandux jiltaqa' ma' missieru b'dan li l-istess omm tiġbru mill-iskola qabel il-ħin. Ma jopponix għal tali safra iżda jikkontendi li l-passaport għandu jibqa' ristrett għal tali safra u li l-ispejjeż dwar tali safra għandhom jiġu mħallsa minn C D b'mod esklussiv li tieħu d-deċiżjonijiet waħedha. It-talba ta' C D ġiet milqugħa permezz ta' Digriet datat is-26 ta' Novembru 2019 b'dan li l-passaport jibqa' ristrett biss għal tali safra;*

*9. Illi f'dan l-istadju l-esponenti ser tersaq sabiex tiddiskuti t-talbiet u l-mertu tal-każ odjern:*

*a. Illi l-kawża odjerna hija kawża 'sempliċi' t'aċċess għall-missier wara li dak li ftehmu fuqu l-partijiet spiċċa fix-xejn meta l-intimata ġiet awtorizzata tgħix Malta. L-esponenti tifhem li l-edukazzjoni u l-iskola hija importanti u għalhekk tasal tifhem ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti li awtorizzat tali trażlok iżda ma jistax jingħad li dan ma kienx il-punt li ta bidu għal din is-saga ta' kawża fejn iż-żewġ partijiet baqgħu jissieltu u jiġġieldu sal-aħħar u għal snin twal sakemm l-intimata bil-modi tagħha rnexxielha twarrab lill-minuri minn missieru. Sfortunatament l-istess intimata ma tirrealizzax il-ħsara li għamlet lill-istess wild u kemm l-istess wild fil-futur ser ikollu problemi anke biex ikollu relazzjonijiet serji u intimi (li jwasslu għall-ulied) għaliex ser jibqa' impattat bl-idea u bir-realta' li l-omm tista' ċċaħdu minn uliedu kif wara kollox għamlet ommu fil-każ odjern;*

*b. Illi l-esponenti tirrileva li talbiet relatati mal-aċċess u allura r-relazzjoni tal-ulied mal-ġenituri tagħhom għandhom dejjem jiġu*

*deċiżi skond il-prinċipju ta' x'inhu fl-aħjar interessi tal-minuri. F'dan l-istadju l-esponenti tagħmel referenza għall-kawza fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[26] *fejn ġie dikjarat li "**Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għall-interess tal-istess tfal**" kif ukoll għall-kawża fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[27] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[28] *fejn ġie ritenut li "**r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal**". Il-mistoqsija dwar x'inhu fl-aħjar interessi għall-minuri f'dan il-każ odjern fejn m'hemm ebda ostakolu għall-missier li jkollu relazzjoni m'ibnu (ħlief l-intimata u l-attitudni ta' mara entitled u li trid tkun 'il fuq mil-liġi) twassal għal risposta pjuttost faċli u ċioe' li kien fl-aħjar interessi tal-minuri li l-aċċess għal missieru jibqa' għaddej tul is-snin għall-anqas fil-weekends u b'żieda qawwija fil-vakanzi. Iżda sfortunatament, minkejja kull sforz sabiex l-aċċess ma jiċidix mal-attivitajiet extra-kurrikulari f'Malta (fejn l-aċċess dar ukoll anke mal-istess attivitajiet) u minkejja kull sforz sabiex il-missier iqatta' aktar ħin mat-tifel speċjalment fis-Sajf (tant li kien hemm anke Digriet t'aċċess mal-missier għal ġimgħa iva u ġimgħa le b'mod alternattiv), l-intimata rat kif għamlet biex dan ma jseħħx u rat ukoll kif għamlet biex minkejja d-Digrieti t'aċċess kumpensatorju għal meta siefret bil-minuri, dan ma sarx lanqas. Naturalment il-vittma ta' dan kollu jibqa' l-minuri Eric li ġie mċaħħad mill-imħabba ta' missier li seta' jkollu u li fil-verita' għad għandu minħabba l-pika esaġerata da parti tal-omm. L-esponenti tirrileva li li kieku dan ir-*

[26] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947

[27] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972

[28] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972

*rapport kien qed jiġi redatt fi żmien meta l-minuri kien għadu żgħir ħafna, kieku r-rakkomandazzjonijiet tal-esponenti kienu jkunu ferm aktar differenti minn dawk li ser jiġu rakkomandati u dan proprju minħabba l-fatt li llum il-minuri għandu 15 -il sena kważi 16 -il sena. Jibqa' pero' l-fatt li tali wild għadu minuri (għalkemm ġuvnott) u jibqa' fil-bżonn ta' missier f'ħajtu u hu proprju għalhekk li l-esponenti qed tirrakkomanda li jsir riavviċinament bl-intervent tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem għaliex il-minuri jista' jibbenefika minn tali programm u forsi jibda l-proċess ta' healing għal dak li għadda minnu jew li ġie sfurzat jgħaddi minnu minħabba l-proċeduri odjerni;*

c. *Illi għal finijiet ta' kompletezza jrid jingħad li da parti tagħha l-intimata tgħid li l-aċċess waqaf ħesrem minħabba kwistjonijiet relatati mad-droga u tallega wkoll li l-attur kien imur ibiegħ id-droga fil-preżenza tal-minuri. Pero' l-esponenti tirrileva li dwar dan m'hemm ebda prova fil-proċess u li l-uniku ħaġa li hemm relatata mal-istess hija biss akkuża li nħarġet kontra l-attur mingħajr ix-xhieda ta' ħadd u mingħajr xi forma t'eżitu tal-istess proċeduri. Stante li kull m'hemm preżentat in atti huma akkużi fil-konfront tal-attur, abbażi tal-preżunzjoni tal-innoċenza qabel ma wieħed jinstab ħati, l-esponenti ma setgħet bl-ebda mod tieħu tali akkużi bħala kundanna versu l-istess attur aktar u aktar meta m'hemm ebda prova li l-minuri ġie espost għal tali ċirku ta' nies jew sitwazzjonijiet;*

d. *Illi jrid jingħad li fiż-żmien li qed jiġi redatt ir-*rapport odjern, *il-minuri Eric għandu 15 -il sena (kważi 16 -*il sena) stante li twieled nhar il-5 *ta' Marzu 2006 u naturalment iċ-ċirkustanzi preżenti huma ferm differenti miż-żmien meta ġiet intavolata l-kawża odjerna. Hija*

*sfortuna kbira għall-istess minuri li t-tfulija tiegħu ser tibqa' mmarkata bħala żmien fejn ommu u missieru għamlu snin u snin twal jiġġieldu bejniethom fuq min għandu jkollu l-aktar ħin miegħu meta fil-verita' l-istess minuri kien qed juri u jokrob (kif tikkonferma l-Psikologa M Sammut) għaliex kien u probabbilment għadu jħobb liż-żewġ ġenituri iżda spiċċa fin-nofs bejniethom b'dan li ma ried iweġġa' jew jurta lil ħadd. Naturalment il-fatt li kien qed iqatta' daqstant ħin m'ommu u dejjem u dejjem ħin anqas ma' missieru xejn m'għin għar-relazzjoni ta' bejn il-missier u l-iben. Il-fatt li l-ħajja tal-minuri u l-attivitajiet li tant iħobb kollha kienu Malta komplew jiġbu lill-istess minuri lejn Malta u bejn dak kollu li kien għaddej spiċċa jara lil Għawdex u lil missieru bħala ostakolu kemm għall-football li tant iħobb, kemm għal sħabu kif ukoll għall-feliċita' t'ommu li kien jgħix magħha. Min-naħa l-oħra l-attur missier dam snin twal jiġġieled kontra l-kurrenti kollha sabiex jibqa' in kuntatt m'ibnu iżda l-intimata ma tat każ ta' xejn u għamlet ta' rasha minkejja li din l-Onorabbli Qorti ddikjarat bl-aktar mod miftuħ li kienet qed tostakola l-ġustizzja u l-aċċess tal-istess missier b'disprezz lejn l-Awtorita' tal-istess Qorti;*

e. *Illi l-esponenti tixtieq tagħmel referenza ampja għar-rapport tal-Psikologa mqabbda minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrelata fuq il-każ u ċioe' M Sammut li ddikjarat bl-aktar mod ċar li hu fl-aħjar interessi tal-minuri li jkollu aktar perjodi fit-tul ma' kull ġenitur per eżempju fiż-żmien tal-vakanzi[29]. Ġie rilevat ukoll li l-ġiri bejn Malta u Għawdex hu frustranti għall-minuri u konsegwentement, l-esponenti ser iżżomm dan f'moħħha meta tasal għall-konklużjonijiet*

[29] Ara a fol 930 tal-proċess

*tagħha dwar x'inhu fl-aħjar interessi tal-minuri u kif dejjem fl-umli opinjoni tagħha għandhom jiġu deċiżi t-talbiet tal-kawża odjerna. Ġie ssuġġerit ukoll li l-ġenituri għandhom iżommu f'moħħhom li l-attivitajiet tal-minuri bħal ma hu l-football huma importanti għalih u għalhekk l-istess ġenituri għandhom juru li huma interessati fl-istess attivitajiet u li jissapportjawh fihom. F'dan il-kuntest il-Psikologa M Sammut tissuġġerixxi aċċess nhar ta' Sibt wara t-training tal-football sal-5.00pm jew is-6.00pm tal-Ħadd bil-possibilita' t'estensjoni t'aċċess sat-Tnejn f'każ li l-minuri ma jkollux skola nhar ta' Tnejn;*

f. *Illi naturalment ir-rakkomandazzjoni tal-Psikologa M Sammut illum -il ġurnata hija ftit li xejn dgħajfa stante li minuri ta' kważi 16 -il sena li ilu ma jara lil missieru minn Diċembru 2018 (sakemm ma kienx hemm xi żvilupp li ma jirriżultax mill-atti) ma jistax jiġi mġiegħel ikollu aċċess ma' missieru bħal li kieku kien tifel ta' 3 snin jew 5. Ġuvnott ta' dik l-eta' ser ifittex id-divertiment u lil sħabu per eżempju fil-weekends u mhux li jkun ma' missieru f'Għawdex fil-weekend. Dan pero' ma jfissirx li l-attur għandu jaqta' qalbu li qatt jista' jkollu relazzjoni mill-ġdid m'ibnu. Huwa minnu li r-relazzjoni trid terġa' tinbena pero' jekk hemm rieda tajba mill-istess minuri u l-missier dan jibqa' possibbli. L-esponenti konxja mill-fatt li l-intimata ser tagħmel minn kollox biex dan ma jseħħx pero' l-fatt li issa l-wild għandu 15 -il sena u għalhekk għandu moħħ għalih, il-possibilita' għal xi forma ta' relazzjoni mal-missier tibqa' teżisti u hu f'dan il-kuntest li l-esponenti umilment tirrileva li jkun fl-aħjar interessi tal-minuri (li kien il-vittma tas-sitwazzjoni kollha u li ilu jġorr il-piż ta' dawn il-proċeduri u tal-ġlied u d-diżgwid bejn il-ġenituri tiegħu għal snin twal) li l-partijiet u l-istess minuri jiġu*

*ordnati jattendu għas-sessjonijiet miżmuma mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal (partikolarment il-programm TIES jew kwalunkwe programm ieħor li l-istess Direttorat jaħseb li jkun opportun fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ u tenut kont tal-eta' tal-minuri) bil-għan li tiġi ristabbilita r-relazzjoni bejn il-missier u l-iben (liema relazzjoni jidher li ġiet tronkata biss għal raġunijiet imputabbli lill-intimata u xejn aktar) sabiex l-istess wild għall-anqas fl-aħħar snin tat-teenage years tiegħu ikun jista' jħares lejn ħajtu u lejn iż-żewġ ġenituri tiegħu b'mod pożittiv.*

*Għalhekk in konklużjoni l-esponenti umilment tissottometti li din l-Onorabbli Qorti għandha:*

1. *Tordna lill-partijiet u l-istess minuri jattendu għas-sessjonijiet miżmuma mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal (partikolarment il-programm TIES jew kwalunkwe programm ieħor li l-istess Direttorat jaħseb li jkun opportun fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ u tenut kont tal-eta' tal-minuri) bil-għan li tiġi ristabbilita r-relazzjoni bejn il-missier u l-iben (liema relazzjoni jidher li ġiet tronkata biss għal raġunijiet imputabbli lill-intimata u xejn aktar) b'dan li kull sessjoni ordnata mill-istess Direttorat għandha tinżamm b'ordni minn din l-istess Onorabbli Qorti;*

2. *Tordna lir-rappreżentanti tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex jirraportaw lil din l-Onorabbli Qorti dwar l-andament ta' tali sessjonijiet kull xahar;*

3. *Tordna li f'każ li xi ħadd mill-partijiet jew il-minuri ma jattendux għal tali sessjonijiet għal raġuni li m'hijiex valida, dan jitqies bħala disprezz*

*lejn l-awtorita' tal-Qorti taħt penalita' li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li tkun xierqa fiċ-ċirkustanzi.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata.*

*Tant għandha x'tissottometti l-esponenti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti f'dan l-istadju.*

**Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mressqa:**

A skans ta' ripetizzjoni żejda, il-Qorti mhux ser tirreplika l-verżjoni tal-partijiet u l-provi mressqa minnhom, in vista tal-fatt li dan kollu diġa` jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu. Madanakollu fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li wara li l-abbli perit legali ppreżentat ir-rapport[30] tagħha u wieġbet id-domandi li sarulha in eskussjoni mill-intimata, kien hemm zviluppi li jridu jissemmew għall-finijiet ta' kompletezza peress li huma parti integrali tal-verżjoni u provi tal-partijiet. Hawn il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti-:

1. L-eżitu li kien hemm rigward il-proċeduri kriminali li kien hemm fil-konfront tar-rikorrent fejn ingħata *probation order*. Din is-sentenza ġiet esebita mir-rikorrent stess wara li l-intimata ġabet a konjizzjoni tal-Qorti[31] li kien hemm eżitu fuq l-istess. Fuq talba tal-istess rikorrent, il-Qorti ordnat li din is-sentenza tibqa' ssiġillata disponibbli biss lill-Qorti u lilll-Avukati tal-partijiet fl-awla quddiem il-Qorti. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza ampja għax-xhieda kollha li tressqu quddiemha sabiex jixhdu fuq l-arrest, investigazzjoni u proċeduri li kienu ser jittieħdu kontra l-attur. F'dan is-sens tagħmel referenza ampja għall-provi kollha li ġew prodotti quddiemha fil-proċedura 302/12/2/AL, fejn tagħmel referenza partikolari għax-xhieda

[30] L-abbli perit legali ppreżentat ir-rapport fil-11 ta' Jannar, 2022 u ħalfity fis-27 ta' Ġunju 2022 – vide fol 2186
[31] Permezz tar-rikors tagħha tal- 4 ta' Novembru, 2022 a fol 2229

li tressqu mill-initmata u li xehdu quddiemha fis-seduti tas-7 ta’ Marzu 2018; 14 ta’ Ġunju 2018 u 18 t’Ottubru, 2018;

2. It-talba mressqa mill-intimata sabiex il-Qorti tisma’ lil minuri. Il-Qorti laqgħet din it-talba u tkellmet mal-minuri fis-sigrieta tagħha f’Jannar 2023, u ċioe` ftit xhur qabel ma għalaq sbatax-il sena u dan wara li kien ilu ma jara lil missieru mill-bidu ta’ Diċembru, 2018.

3. Dok B li jinsab a fol 2338 u f’liema dokument il-club tal-football Sliema Wanderers F.C. jirreferu għall-minuri Eric bil-kunjom *I* u ċioe bl-kunjom tal-partner tal-intimata u mhux b’kunjomu proprju B;

**<u>Prinċipji Legali Saljenti għal-Każ Odjern</u>**:

Illi kif ġja ingħad, l-azzjoni, li l-Qorti għandha quddiemha hija waħda b’talbiet relatati mal-aċċess u sabiex il-Qorti tagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni li jikkonċernaw lill-minuri Eric. Din l-azzjoni ġiet intavolata mhux għax l-aċċess kif pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejn il-partijiet (u esebit in atti) ma kienx adegwat, iżda peress li per konsegwenza tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja[32], l-intimata ġiet awtorizzata biex tibda tirrisjedi f’Malta flimkien mat-tifel minuri tagħha (li dak iż-żmien lanqas kellu erba’ (4) snin), u f’liema digriet u bħala konsegwenza naturali ta’ din il-bidla residenzjali tal-minuri matul il-ġimgħa , l-aċċess tar-rikorrent ġie varjat u mnaqqas għal-erbgħa u għoxrin siegħa fil-ġimgħa. Huwa f’dan is-sens li r-rikorrent talab li l-aċċess tiegħu jiġi regolarizzat u dan fl-interess suprem tal-minuri.

[32] Tat-23 ta’ Lulju, 2009 esebita in atti bħala Dok JC 2 fol 16

Illi kif ġja ġie espost permezz tar-risposta ġuramentata tagħha l-intimata opponiet għat-talbiet tal-attur.

Illi din il-Qorti tibda billi tirrileva li filwaqt li d-Digriet suċċitat semma' bidla ta' residenza għal matul il-ġimgħa, mill-atti proċesswali jirriżulta li r-rejalta` ta' din il-bidla kienet tmur lil 'hinn minn hekk.

Illi f'aspetti li jikkonċernaw il-minuri l-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri u għandha dejjem timxi mal-prinċipju tal-aqwa utilita` u l-aqwa vantaġġ għall-interess tat-tfal. Fuq din it-tema hemm bosta sentenzi li matul is-snin il-Qrati tagħna dejjem jagħmlu referenza għalihom fosthom: Jennifer Portelli pro et noe. Vs John Portelli[33]; John Cutajar vs Amelia Cutajar et[34]. In oltre` din il-Qorti tfakkar li meta il-mertu f'kawża huwa t-tfal, hi għandha l-poter li tagħti kwalunkwe ordni bl-applikazzjoni tal-artikolu 149 tal- Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li tagħtiha diskrezzjoni wiesgħa ħafna, fejn tista' tieħu kull provvediment f'l-interess suprem tal-minuri. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għall-kawżi: RM vs NM deċiża fit- 12 ta' April, 2018[35] kif ukoll Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu, 2014[36]

**Applikazzjoni tal-Prinċipji legali għal każ odjern.**

Illi dak li huwa fl-interess suprem ta' kwalunkwe minuri huwa li l-istess minuri jkollu relazzjoni b'saħħitha maż-żewġ ġenituri tiegħu, u dan irrelevanti mir-relazzjoni tajba jew ħażina bejn il-partijiet. Hawnhekk il-Qorti tirreferi għall-

[33] Cit Nru. 2668/1996/2 RCP deċiża fl-25 ta' Ġunju, 2003
[34] Deċiża 28 ta' Jannar, 1956 Onor. Dr AV Camilleri
[35] Rik Ġur 196/10RGM
[36] Rik Ġur 406/2010/1

kawża ta' Sylvia Melfi vs Philip Vassallo liema kawża ġiet deċiża fil-25 ta' Novembru, 1998 mill-Qorti tal-Appell. Huwa minnu li f'dik l-kawża l-Qorti kellha quddiemha kwistjoni ta' kura u kustodja, iżda l-prinċipju li biha hija ggwidata l-Qorti dejjem tibqa' l-istess u allura f'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti bran ta' din is-sentenza :

*In this case the court must do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must be solely guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irresepective of the allegations true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth . This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exxagerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children . Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want to do is pay back the other party through their minor child."*

Fil-fehma tal-Qorti dan huwa proprju dak li ġara fil-każ odjern. Kif sostniet il-perit legali din suppost kellha tkun kawża fuq kwistjoni *sempliċi* t'aċċess. Iżda l-ironija tal-ħajja hija dik li hi, u huma l-affarijiet sempliċi li jafu jikkumplikaw ruhhom sal-grad estrem li kkumplikaw ruhhom f'dan il-każ. Salv għal dak li ser jngħad il-Qorti taqbel mar-raġunament u mal-parti l-kbira tal-konklużjonijiet tal-perit legali u dan anki wara li ħadet konjizzjoni tat-tweġibiet tagħha in eskussjoni. Fl-andament ta' din il-kawża il-partijiet ressqu iktar minn sittin (60) rikors *pendente lite* u allura l-Perit Legali sewwa osservat li din l-kawża spiċċat f'xejn inqas minn battalja legali. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal uħud mir-rikorsi li saru waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża li fil-fehma tagħha jispikkaw iktar mill-oħrajn (mhux għax l-oħrajn ma jimmeritawx li jissemmew iżda dawn

juru livell straordinarju ta' pika minn naħa tal-intimata). Fosthom il-Qorti ssemmi r-rikors[37] li ntavola r-rikorrent biex ikun jista' jiġbor lit-tifel minn Malta wara l-iskola biex jieħdu fuq il-vapur miegħu biex imbagħad flimkien jattendu l-funeral ta' missier ir-rikorrent, u ċioe` tan-nannu patern tal-minuri. Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li anki f'mument solenni bħal dak ma ntlaħaqx kompromess biex il-minuri jista' jattendi l-funeral tan-nannu patern tiegħu, u in oltre` l-għada r-rikorrent ippreżenta nota biex jispjega li ma setax jaqbad il-vapur tas-6.45pm wara l-funeral għax skont l-iskeda t-tluq minn Għawdex kien fis-7.15 pm, b'hekk spjega fin-nota tiegħu li kien għalhekk biss li ma żammx mal-ordni tad-digriet biex iġib il-minuri lura bil-vapur tas-6.45 (fol 301.). Eżempju ieħor kien meta r-rikorrent ippreżenta rikors għall-aċċess sabiex il-minuri jattendi l-magħmudija ta' ħuh Jake. Il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent permezz tad-digriet tagħha tal-14 ta' Mejju 2015, iżda anki hawn l-intimata ma kkooperatx bil-ftehim li suppost ftiehmu bejntiehom il-partijiet, sussegwentement għad-digriet tal-Qorti u dan kif jirriżulta ben ċar minn dak li jirriżulta mid-dokument esebit a fol 554.

Illi dawn huma biss żewġ eżempji minn varjazzjoni kbira ta' rikorsi li saru, iżda li fil-fehma tal-Qorti juru l-*mind set* li kellha l-intimata mill-bidu sat-tmiem ta' din il-kawża. Anzi fil-fehma tal-Qorti, mas-snin iktar webbset rasha u wriet kemm hi diffiċli minn kull aspett u angolu possibbli u dan kif jirriżulta ben ċar mis-sittin rikors u fuqhom li saru f'din il-kawża. F'dan is-sens l-Qorti tagħmel referenza għall-inċident tat-23 ta' Awwissu, 2013 fejn il-Marixxalli tal-Qorti M Aloui Pisani u Mario Genius ma setgħux jeżegwixxu l-ordni tal-Qorti, u l-intimata fixklithom fil-qadi ta' dmirijiethom quddiem il-minuri, u f'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għad-digrieti tagħha tal-24 u 28 ta' Awwissu 2016 [38]

[37] Li jinsab a fol 299

[38] Vde fol 1251 sa fol 1258

Fil-fehma tal-Qorti l-perit legali għamlet apprezzament tajjeb tal-provi u għal dak li il-minuri kien qed jiġi espost minħabba l-aġir t'ommu. Din il-Qorti ma tiddubitax li l-intimata kellha għall-qalba l-interessi edukattivi u extra-kurrikulari tal-minuri u fil-fatt uriet impenn serju f'dan is-sens iżda fil-fehma tal-Qorti kienet hi l-problema prinċipali f'dak li għandu x'jaqsam mal-possibilta li l-minuri jmantni relazzjoni tajba ma' missieru u għal dan biżżejjed li jsir referenza għax-xenati kollha li għamlet quddiem il-minuri anki fil-preżenza tal-marixxalli li kienu qegħdin jeżegwixxu d-digrieti tal-Qorti.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport tal-perit legali fejn qalet:

"*Il-mistoqsija dwar x'inhu fl-aħjar interess għall-minuri f'dan il-każ odjern fejn m'hemm ebda ostakolu għall-missier li jkollu relazzjoni m'ibnu (ħlief l-intimata u l-attitudni ta' mara entitled u li trid tkun 'l fuq mill-liġi) twassal għal risposta pjuttost faċli u ċioe li kien fl-aħjar interessi tal-minuri li l-aċċess jibqa' għaddej tul is-snin għall-anqas fil-weekends u b'żieda qawwija fil-vakanzi. Iżda sfortunatament, minkejja kull sforz sabiex l-aċċess ma jinċidix mal-attivitajiet extra-kurrikulari f'Malta ) fejn l-aċċess dar ukoll anke mal-istess attivitajiet ) u minkejja kull sforz sabiex il-missier iqatta' aktar ħin mat-tifel speċjalment fis-Sajf (tant li kien hemm anke Digriet t'aċċess mal-missier għal ġimgħa iva u ġimgħa le b'mod alternattiv), l-intimata rat kif għamlet biex dan ma jseħħx u rat ukoll kif għamlet biex minkejja d-Digrieti t'aċċess kumpensatorju għal meta siefret bil-minuri, dan ma sarx lanqas. Naturalment il-vittma ta' dan kollu jibqa' l-minuri Eric li ġie mċaħħad mill-imħabba ta' missier li seta' jkollu u li fil-verita` għad għandu minħabba l-fatt li llum il-minuri għandu 15-il sena kważi 16 -il sena. Jibqa' pero l-fatt li tali wild għadu minuri (għalkemm ġuvnott) u jibqa' fil-bżonn ta' missier f'ħajtu u hu proprju għalhekk li l-esponenti qed tirrakkomanda li jsir riavviċinament bl-intervent tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal ...*"

Illi hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza ampja għar-rapport tal-psikologa M Sammut[39] maħtura mill-Qorti li kellha l-inkarigu li ssegwi l-minuri u sabiex tikkomunika mal-Avukat tat-Tfal Dr Tanya Sammut Catania. Fi żmien in kwisjtoni l-minuri kellu disa' (9) snin.

Il-psikologa żammet laqgħat mal-partijiet waħedhom; mal-minuri waħdu kif ukoll sessjonijiet bejn il-minuri u l-ġenituri (mhux f'daqqa). Fil-konklużjonijiet tar-rapport tagħha l-psikologa tgħid:

*" Jidher ovvju li Eric B qed jinqabad f'sitwazzjoni kemmxejn diffiċli bejn il-ġenituri tiegħu, fejn irid jipprova jogħġob lit-tnejn f'sitwazzjoni li ħolqu bejniethom li tagħmel dan kważi impossibbli. Bħala psikologa, nħoss li wieħed irid jifhem li filwaqt li l-ġenituri għandhom il-bżonnijiet tagħhom, u li żgur li bħala ġenituri hemm ir-responsabilta li għallinqas nippruvaw nifmuhom dawn il-bżonnijiet. Hawnehkk hawn sitwazzjoni fejn għandek ġenituri li għamlu l-ħajjiet separati tagħhom ma' nies differenti, bl-esiġenzi li dawn il-ħajjiet joħolqu, u allura nħolqot sitwazzjoni fejn minflok għandna ġenituri li jridu jaraw kif ser jadattaw għall-bżonnijiet ta' uliedhom, għandna tifel ta' 9 snin li jrid jara kif jadatta għas-sitwazzjoni ġodda li għażlu l-ġenituri tiegħu. Tagħmilha iktar kumplikata għax il-missier għandu ħajtu Għawdex, u l-omm għandha ħajjitha Malta, u t-tifel irid jiġri minn naħa għall-oħra biex jipprova jissodisfa t-tnejn.*

***Bħala psikologa mqabda biex insegwi u nitkellem dwar dak li hu fl-aħjar interess tal-minuri, jiena nixtieq billi nirrakomanda li jkun hemm perjodi aktar fit-tul ma' kull ġenitur meta dan ikun possibbli u fl-aħjar interess tal-minuri per eżempju fil-vaganzi tal-iskola ...***

***omissis... jagħmel ħafna sens li l-aċċess fi tmiem il-ġimgħa jkun mis-Sibt wara t-training tal-football, f'xi 10 am u jibqa' sejjer sa xi 5 pm jew 6 pm il-Ħadd, u forsi anki estiż iżjed meta m jkunx hemm skola t-Tnejn ....***

[39] Fol 922 sa 932

*- Omissis-*

***Filwaqt li s-sitwazzjoni mal-omm toffri atmosfera fejn Eric jista' jħossu li għandu ħafna attenzjoni, fis-sitwazzjoni mal-missier toffri opportunita` biex jesperjenza rejalta differenti, fejn irid jaqsam kemm l-attenzjoni kif ukoll l-affarijiet u l-ħin li għandu ma oħrajn, allura t-tnejn għandhom il-benefiċċju jekk il-ġenituri jkunu kapaċi jifhmu dan u jaħdmu iktar b'mod ta' koperazzjoni bejniethom...***

*-Omissis-*

***Li jkun hemm għajnuna professjonali minn xi parental coach jew xi family therapist li ż-żewġ ġenituri jemmnu fih jew fiha tista' tissaportja l-isforzi tagħhom biex jikkoperaw iżjed bejniethom.***

***Nixtieq nikkonkludi billi ngħid li huwa importanti li s-sitwazzjoni ta' bejn il-ġenituri tiġi riżolta biex Eric ikun jista' jħossu iktar ċert mill-futur tiegħu kemm li ħadd ma huwa ser jieħdu mill-ħajja li għandu Malta, li tinkludi skola, ħbieb, football u li m'għandux iħossu bilfors irid jagħżel bejn il-ġenituri tiegħu meta hija ovvja li hi jixtieq relazzjoni mat-tnejn"***[40]

Illi kien f'dan is-sens li l-Qorti bid-Digriet tagħha tal-25 ta' Novembru 2015 ordnat lill-partjiet biex jibdew jattendu sessjonijiet ta' *family therapy* u *parental guidance,* proprju għaliex dak li kien fl-interess suprem tal-minuri kien li jkollu relazzjoni b'saħħitha mhux biss ma' l-omm iżda anki ma' missieru hekk kif ikkonkludiet l-esperta psikologa maħtura mill-Qorti, li fi kliem inekwivoċi qalet li l-minuri xtaq relazzjoni mat-tnejn li huma. Kienu f'dan is-sens ukoll id-diversi digireti tal-Qorti fuq l-aċċess *pendente lite.*

[40] Fol 932

Il-liġi tagħna mibnija fuq il-prinċipju tal-interess suprem tal-minuri timponi obbligu fuq il-ġenituri li t-tnejn jikkontribwixxu għall-izvilupp tal-minuri, iżda dan l-kunċett allavolja spejgat bl-iktar mod ċar anki mill-esperta psikologa M Sammut, l-intimata ma fehmitux u fehmet biss li dak li hu tajjeb għall-minuri kien ħajtu magħha hawn Malta, li wara kollox imponiet fuqu hi stess għall-interessi primarji tagħha meta sabet xogħol hawn Malta.

Illi huwa minnu li l-minuri kellu vantaġġi kbar hawn Malta għaliex kellu suċċess enormi f'dak li jikkonċerna l-edukazzjoni u l-ħajja soċjali tiegħu iżda dan kollu sar għad-detriment tar-relazzjoni tiegħu ma' missieru u ta' dan il-minuri huwa vittma.

Bniedma razzjonali kienet tirraġuna mod ieħor u mhux b'mod egoist.
Minn naħa tiegħu l-intimat wera ċar li kulma xtaq ma ibnu kien relazzjoni normali u dan kif wara kollox qablu li kellu jkollu anki l-esperti nominati li waslu għal din il-konklużjoni wara li kellhom l-opportunita` li jitkellmu mal-minuri u jagħtu l-opinjoni professjonali tagħhom fl-interess suprem tiegħu.

Illi illum dan huwa mertu li huwa prattikament huwa eżawrit tenut kont tal-eta` tal-minuri li ftit xhur oħra jilħaq l-eta` maġġorenni. In oltre` jrid jingħad ukoll li l-minuri ilu ma jara lill-missieru għal snin sħaħ, u preċiżament minn Diċembru tas-sena 2018.

Il-Qorti ma taqbel xejn mat-teżi tal-intimata li tgħid li l-aċċess mhux qed isir għaliex ir-rikorrent abbanduna lill-minuri. Dan hu kumment infondat u l-atti proċesswali huma mifgħuqin bi provi konkreti kontra din it-teżi bla bażi. Iżda f'għajnejn din il-Qorti r-rikorrent żbalja wkoll, u żbalja bl-ikrah, u dan l-iżball ma għenu xejn fil-ġlieda li kien qed jiġġieled b'tant determinazzjoni tul dawn is-

snin kollha. Naturalment hawnhekk il-Qorti qed tirreferi għall-eżitu tal-kawża li kellu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Sede Kriminali).

Illi f'Jannar ta' din is-sena l-Qorti kellha l-opportunita` li tkellem lil minuri u sfortunatament il-minuri kien ċar magħha fejn stqarr li ma riedx ikollu aċċess ma' missieru.

Illi għalhekk il-Qorti għandha idejha marbutin. Li kieku l-minuri kien iżgħar kienet tiddisponi minn din il-kawża b'mod differenti, iżda ir-rejalta hi dik li hi u ma tistax tinjora x-xewqat ta' ġuvni li illum għandu 'l fuq minn sbatax-il sena u bl-ebda mod ma tista' tisfurzah jara lill-missieru għax dak ma jkunx fl-interess suprem tiegħu. Madanakollu, wara li qrat in-noti ta' sottomissjonjiet tal-partijet u ħasbet fit-tul tħoss li dak li jkun fl-interess suprem tal-minuri huwa li tilqa' in parte r-rakkomandazzjonijiet tal-perit legali u ser tordna l-intervent tad-Direttorat u anki tal-psikologa M Sammut, għax bħal ma kkonkludiet il-perit legali, il-Qorti temmen li l-minuri hu vittma f'dan kollu, u dak li huwa fl-interess suprem tiegħu huwa li jsir kull tentattiv biex tiġi ristabbilita r-relazzjoni li darba kienet teżisti bejn il-minuri Eric u missieru r-rikorrent, iżda dan **<u>biss</u>** jekk ikun hemm ir-rieda minn naħa tal-minuri Eric. Għaldaqstant u bl-applikazzjoni tal-artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttorat Għall-Ħarsien tat-Tfal u l-psikologa M Sammut, sabiex isir dak kollu neċessarju biex il-minuri jiġi mitkellem sabiex terġa' tiġi esplorata il-possibilita` li jkun hemm kuntatt bejn il-minuri u missieru r-rikorrent.

**DEĊIDE**

Illi għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel talba u dan għar-raġunijiet mogħtija f'din is-sentenza ladarba il-minuri li għandu sbatax-il (17) sena u stqarr mal-Qorti li ma jridx ikollu aċċess għall-missieru. Fid-dawl ta' dan il-Qorti ma tistax timponi tali aċċess;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-parti tat-tieni talba li tirreferi għall-mertu eżawrit ta' skola; safar; l-Ewwel Tqarbina u Griżma; iżda ser tipprovdi ultrjorment u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Dirtettorat għall-Ħarsien tat-Tfal u lill-psikologa M Sammut u tordna illi:

   i) Jitkellmu mal-minuri sabiex tiġi esplorata l-possibilta` li terġa' tiġi stabbilita xi forma ta' kuntatt bejn il-minuri u r-rikorrent A B;

   *ii)* Joffru lill-minuri kull s-servizz professjonali li huma jħossu li jista' jibbenefika minnu bħal per eżempju il-Programm *Youth in Focus* jew kwalunkwe kors jew servizz terapewtiku ieħor li fil-fehma tal-istess Direttorat ikun idoneu għall-minuri Eric u dan irrispettivament minn jekk il-minuri jurix x-xewqa jew le illi jipprova jibni rapport ma' missieru;

   *iii)* Jekk ikun hemm lok għall-aċċess, jassistu kemm lill-minuri u anki r-rikorrent fil-fażi transizzjonali fil-lok u l-ħin li d-Direttorat jikkunisdra li huwa fl-interess tal-minuri;

   *iv)* F'każ li l-minuri jkompli jagħżel li ma jridx ikollu aċċess ma' missieru jagħtu dik l-għajnuna professjonali meħtieġa lir-rikorrent sabiex jaċċetta u jirrispetta d-deċiżjoni ta' ibnu.

   *v)* In oltre` tordna li ladarba l-minuri għandu sbatax-(17) il sena għandu:-

   i)jkompli jirrisjedi fir-residenza ta' ommu hawn Malta;

ii)jkollu passaport miftuh, mandanakollu l-applikazzjoni għandha tiġi ffirmata miż-żewġ ġenituri u l-passaport għandu jinżamm mill-omm in vista li l-minuri qed jirrisjedi magħha.

Bl-Ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.